IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 18.2.2009
KUMM(2009) 66 finali

2009/0027 (COD)

-

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Ażil

{SEG(2009) 153}
{SEG(2009) 154}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) Il-kuntest tal-proposta

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta tagħmel parti mill-isforzi tal-Unjoni Ewropea biex tiżviluppa politika komprensiva tal-ażil. Il-ħidma fuq il-ħolqien ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) bdiet immedjatament wara li daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Amsterdam f'Mejju 1999, fuq il-bażi tal-orjentazzjonijiet li ngħataw mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere f'Ottubru 1999.

Mill-2004, il-Programm tal-Aja, programm multiannwali li għandu l-għan li jsaħħaħ il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, fost oħrajn indika li żona ta' ażil komuni għandha tinħoloq għall-implimentazzjoni ta' proċedura armonizzata effettiva konformi mal-valuri u t-tradizzjoni umanitarja tal-Unjoni. F'dan il-qafas u bħala appoġġ għall-isforzi leġiżlattivi, il-Programm tal-Aja kellu l-għan li jwaqqaf uffiċċju ta' appoġġ Ewropew responsabbli għal kull forma ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li huma marbutin mas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (wara t-twaqqif ta' proċedura komuni ta' ażil ibbażata fuq evalwazzjoni). Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ta' April 2008 stieden espressament lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni, fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha rigward l-ażil adottat f'Ġunju 2008 (COM(2008)360), ħabbret l-intenzjoni tagħha li tippreżenta proposta leġiżlattiva mmirata biex toħloq dan l-Uffiċċju. Fl-aħħar nett, fl-aħħar ta' Settembru 2008, il-Kunsill Ewropew adotta l-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil u ftiehem espressament "*fl-2009 jiġi stabbilit uffiċċju ta' appoġġ Ewropew li jkollu l-kompitu li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, ta' analiżi u ta' esperjenzi bejn l-Istati Membri, u li ji żviluppa l-kooperazzjonijiet konkreti bejn l-amministrazzjonijiet inkarigati bl-eżami tat-talbiet għall-ażil*".

Din il-proposta għandha l-għan li twieġeb dawn ir-rikjesti tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew, fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni fil-qasam tal-ażil adottat f'Ġunju 2008 mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tipproponi li jitwaqqaf Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil, li jkollu l-forma istituzzjonali ta' aġenzija regolatorja, u li jkun inkarigat li jiffaċilita u jsaħħaħ il-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ażil kif ukoll li jikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar tas-Sistema Komuni tal-Ażil. Il-ħolqien eventwali ta' aġenzija regolatorja fis-settur tal-ażil kienet espressament maħsuba mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha rigward l-aġenziji regolatorji ta' Marzu 2008 (COM(2008)135), li fiha huwa previst moratorju dwar il-ħolqien ta' aġenziji regolatorji ġodda iżda li kienet teskludi minn dan il-moratorju l-ħolqien eventwali ta' aġenzija fis-settur tal-ażil.

- **L-isfond ġenerali**

Il-Pjan ta' Azzjoni fil-qasam tal-ażil adottat f'Ġunju 2008 mill-Kummissjoni jipprevedi li jiġu kkompletati l-istrumenti eżistenti tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Madankollu, din l-azzjoni ambizzjuża fil-qasam leġiżlattiv għandha tkun appoġġjata minn tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil. Fil-fatt, id-diverġenzi sostanzjali fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tas-27 Stat Membru f'dak li jirrigwarda t-talbiet għal protezzjoni internazzjonali mhumiex biss marbuta mat-tisħiħ tal-armonizzazzjoni leġiżlattiva. Dawn id-diverġenzi jirriżultaw ukoll minn fatturi oħra li mhuxiex ta' natura leġiżlattiva, li fosthom hemm notevolment it-tradizzjonijiet u l-prattiċi diverġenti fl-Istati Membri diversi, kif ukoll, b'mod

partikolari, id-differenzi fl-informazzjoni fir-rigward tal-pajjiżi ta' oriġini ta' dawk li jitolbu protezzjoni internazzjonali. Huwa għalhekk li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-asil jieħu importanza ewlenija sabiex tinkiseb konverġenza bejn l-Istati Membri f'dak li jirrigwarda t-trattament tat-talbiet għal protezzjoni internazzjonali. Bħala t ħejjija għal din il-proposta ta' Regolament fil-qafas tal-analiżi tal-impatt, saret analiżi dettaljata ta' dawn il-problemi mħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni, li tidentifika u tevalwa l-għażliet diversi kif ukoll l-alternattuva ppreferuta.

- **Id-Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Din il-proposta ta' regolament qed issir fil-qafas tal-*acquis communautaire* fir-rigward tal-Asil Komuni Ewropew.

- **Il-Konsistenza ma' setturi politiċi u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta qed issir kompletament fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni fil-qasam tal-asil adottat f' Ġunju 2008 mill-Kummissjoni li, fuq naħa, għandu l-għan li jsaħħaħ il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-asil sabiex tinħoloq Sistema Ewropea Komuni tal-Asil effikaċi u ġusta għal dawk li jitolbu l-protezzjoni internazzjonali, u fuq in-naħa l-oħra li jagħti appoġġ għal dan l-isforz leġiżlattiv permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika fl-aspetti numeruži tagħha bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-asil.

2) Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-valutazzjoni tal-impatt

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-Pjan ta' Azzjoni fil-qasam tal-Asil adottat f'Ġunju 2008 mill-Kummissjoni, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' proposta leġiżlattiva mmirata għall-ħolqien ta' Uffiċċju għall-Appoġġ u li ġiet imħejjija abbaži ta' Green Paper ippreżentata mill-Kummissjoni f'Ġunju 2007, li kellha l-għan li tiddetermina l-għażliet possibbli għat-tieni fażi tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Il-Green Paper kien fiha domandi speċifiċi rigward il-ħolqien eventwali ta' Uffiċċju ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil. Bħala tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika, intbag ħtu 89 kontribut minn firxa wiesgħa ta' atturi fil-qasam tal-Asil, fosthom 20 Stat Membru, awtoritajiet reġjonali u lokali, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, l-UNHCR, akkademiċi, partiti politiki u għadd kbir ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi. Ir-risposti li ngħataw lill-Green Paper juru appoġġ wiesa' mill-partijiet ikkon ċernati għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-Asil u għall-ħolqien ta' struttura ta' appoġġ għal dan it-tip ta' attivitajiet. L-għażla l-iktar preferuta tal-Pjan ta' Azzjoni fil-qasam tal-Asil tinkludi speċifikament il-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Asil.

Fl-2008 il-Kummissjoni wettqet studju estern dwar il-fattibbiltà dwar il-ħolqien ta' struttura ta' appoġġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-asil. Dan l-istudju ppermetta konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati, billi wettaq għaxar studji ta' każijiet u billi wettaq intervisti ma' iktar minn 50 partijiet ikkonċernati. Ġew organizzati żewġ laqgħat ta' ħidma, f'April 2008 u f'Ġunju 2008, sabiex il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom fir-rigward tal-karigi li għandhom jingħataw lill-istruttura ta' appoġġ fil-qasam tal-Asil u dwar l-organizzazzjoni tagħha f'termini istituzzjonali. L-istudju ġie kkompletat fl-aħħar tal-2008. Analiżi tal-impatt ta' din il-proposta ġiet imħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni. Din tinsab annessa ma' din il-Proposta.

3) L-Elementi legali tal-proposta

- Is-Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta tipprevedi l-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Ażil (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-Uffiċċju) taħt l-għamla ta' aġenzija regolatorja, entità legali awtonoma maħluqa mil-leġiżlatur għall-parteċipazzjoni fir-regolazzjoni ta' settur fil-livell Ewropew u għall-implimentazzjoni ta' politika Komunitarja. Bil-karigi tagħha, l-aġenzija tikkontribwixxi għat-titjib tal-mod kif ir-Regoli Komunitarji relatati mal-ażil huma implimentati u applikati fl-UE kollha.

L-Aġenzija mhux se jkollha natura deċiżjonali u jkollha attivitajiet ta' appoġġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil ta' natura inċentiva, bħal rakkomandazzjonijiet, ir-rikors għall-awtorità xjentifika, l-implimentazzjoni fin-netwerk u l-konverġenza tal-prattiċi tajba, l-evalwazzjoni u l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli, eċċ.

Il-mandat tal-Uffiċċju se jkun orjentat madwar tliet karigi ewlenin: l-appoġġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil, l-appoġġ għall-Istati Membri li għandhom pressjonijiet partikolari, il-kontribut għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-A żil.

Kapitolu speċifiku huwa ddedikat għall-koordinazzjoni mill-Uffiċċju tat-timijiet ta' appoġġ g ħall-ażil magħmul minn esperti fil-qasam tal-ażil sabiex jingħata appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri li għandhom pressjonijiet qawwija fuq is-sistemi ta' ażil tagħhom.

Ikun importanti li tiġi stabbilita kooperazzjoni stretta bejn l-Uffiċċju u l-atturi esterni u notevolment l-UNHCR li se jkun involut bis-sħiħ fil-ħidma tal-Uffiċċju, meta titqies l-esperjenza mogħtija minn dawn l-atturi esterni fis-settur tal-ażil.

Id-deċiżjoni dwar il-kwartieri tal-Aġenzija għandha tittieħed mill-Kapijiet ta' Stat u gvern[1].

L-Uffiċċju se jitmexxa minn Kunsill Amministrattiv, magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, kif ukoll minn Kumitat Eżekuttiv. Il-ġestjoni ta' kuljum tal-Uffiċ ċju ssir minn Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju, maħtur mill-Kunsill Amministrattiv fuq proposta tal-Kummissjoni.

- **Il-bażi legali**

L-Uffiċċju se jagħti l-kontribut tiegħu għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, billi jiżviluppa l-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri fis-settur tal-ażil, billi jiżgura livell għoli ta' esperjenza, billi jikkoordina l-azzjonijiet meħtieġa biex tingħata għajnuna lill-pajjiżi li għandhom pressjonijiet partikolari meta jiġu eżaminati t-talbiet għall-ażil. Il-bażiijiet legali rilevanti jinsabu fl-Artikolu 63, punt 1, 63, punt 2 u 66 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. .

- **Il-Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod sħiħ mill-Istati Membri u jistgħu jintlaħqu b'mod iktar effiċjenti fil-livell Komunitarju għal numru ta' ra

[1] Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2008 (11018/1/08, REV 1), li jirreferu għall-konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-livell ta' Kapijiet ta' Stat u Gvern fi Brussell fit-13 ta' Diċembru 2003 (ĠU L 29 tat-03/02/2003).

ġunijiet Ir-riskju jeżisti notevolment, jekk l-Istati Membri jaġixxu waħedhom, li jkun hemm id-differenzi fit-trattament riżervat għal kull min jitlob il-protezzjoni internazzjonali. Minħabba n-natura transnazzjonali tal-kwistjonijiet marbutin mal-protezzjoni internazzjonali, l-Uffiċċju, notevolment permezz tal-iskambju tal-prattiċi tajba u permezz tal-organizzazzjoni tat-taħriġ xieraq, jkun jista' jikkontribwixxi għal tnaqqis fid-differenzi u d-diverġenzi fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fir-rigward tal-ażil, li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni prattika attwali, ma setg ħux jitnaqqsu b'mod sostanzjali u effikaċi minn azzjoni fil-livell nazzjonali biss. Il-proposta g ħalhekk hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità fis-sens li l-Uffiċċju se jkun a ġenzija ta' natura non-deċiżjonali li l-mandat tiegħu jkun limitat għal karigi ta' appoġġ għall-kooperazzjoni prattika u għall-aħjar implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ażil.

- **L-għażla tal-istrumenti**

Strument(i) propost(i): Regolament

Kwalunkwe mezz ieħor ma jkunx xieraq minħabba li aġenzija regolatorja tinħoloq dejjem fuq bażi ta' Regolament li jwaqqaf maħsub biex jiddetermina l-mandat u l-organizzazzjoni tagħha.

4) L-implikazzjoni għall-baġit

Il-ħolqien tal-aġenżija se jkollu effett fuq il-baġit tal-Komunità. Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Uffiċċju huwa bbażat fuq ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002[2] tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[3] dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej. L-Uffiċċju se jkun iffinanzjat fuq il-bażi ta' linja baġitarja mill-baġit tal-Komunità. Dikjarazzjoni finanzjarja huwa anness ma' dan ir-Regolament.

Sabiex tkun żgurata l-effiċjenza tal-infiq fir-rigward tal-appoġġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil, u fis-sens li l-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Ażil se jkun inkarigat minn numru ta' karigi li bħalissa huma ffinanzjati taħt il-Fond Ewropew għar-Refuġjati (FER)[4], jidher meħtieġ li tiġi trasferita parti mir-riżorsi baġitarji li attwalment huma allokati lill-FER taħt Azzjonijiet Komunitarji favur l-Uffiċċju, sabiex jiġi evitat li diversi strumenti legali jipprevedu b'mod parallel il-finanzjament ta' attivitajiet simili fil-qasam tal-ażil.

Bl-istess mod, il-Kummissjoni, biex tiżgura l-koerenza bejn l-istrumenti legali diversi fis-settur tal-ażil, se tirrifletti dwar il-possibbiltà li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE tal-14 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni[5].

---

2 ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3 ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

4 Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE, ĠU L 144 tas- 6.6.2007, p. 1).

5 ĠU L 131, 21.5.2008, p. 7.

5) Informazzjoni addizzjonali

- **Il-preżentazzjoni tal-proposta**

Kapitolu I – IL-ĦOLQIEN U L-KOMPITI TAL-UFFIĊĊJU TA' APPOĠĠ EWROPEW FIL-QASAM TAL-AŻIL

Artikoli 1 u 2

Dan il-kapitolu jiddeskrivi b'mod ġenerali l-għan tar-Regolament fil-ħolqien tal-Uffiċċju u billi jiddefinixxi f'termini ġenerali l-kompiti tal-Uffiċċju.

Kapitolu II – IL-KOMPITI TAL-UFFIĊĊJU TA' APPOĠĠ EWROPEW FIL-QASAM TAL-AŻIL

Il-kompiti tal-Uffiċċju huma mqassmin fi tliet taqsimiet: l-appoġġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil, l-appoġġ għall-Istati Membri li għandhom pressjonijiet partikolari, il-kontribut għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

Taqsima 1 (Artikolu 3 sa 7): Appoġġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil.

Dawn l-artikoli jiddefinixxu l-kompiti tal-Uffiċċju fir-rigward tal-iskambju tal-prattiċi tajba, l-informazzjoni rigward il-pajjiż ta' oriġini, l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qafas tar-Regolament Dublin, l-appoġġ għar-riallokazzjoni, l-appoġġ għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni, l-appoġġ għat-taħriġ, l-appoġġ tekniku u l-appoġġ fil-qasam estern.

Taqsima 2 (Artikoli 8 sa 10): Appoġġ lill-Istati Membri li għandhom pressjonijiet partikolari.

Dawn l-artikoli jiddefinixxu l-idea ta' pressjoni partikolari, jorganizzaw il-ġabra u l-analiżi tal-informazzjoni kif ukoll l-azzjonijiet ta' appoġġ għall-Istati Membri li għandhom pressjonijiet (notevolement sistema ta' allarm bikri, l-ewwel analiżi tat-talbiet għall-ażil, implimentazzjoni rapida tal-faċilitajiet ta' akkoljenza xierqa mill-Istat Membru li għandu pressjonijiet, il-koordinazzjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil, li l-modalitajiet ta' ħidma huma definiti fil-Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Taqsima 3 (Artikoli 11 u 12): Il-kontribut għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

Dawn l-artikoli jiddefinixxxu l-funzjonijiet tal-Uffiċċju fir-rigward tal-ġabra u l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll ir-rapporti u dokumenti oħra tal-Uffiċċju (notevolment ir-Rapport Annwali dwar is-sitwazzjoni tal-Ażil fl-Unjoni u dokumenti ġenerali relatati mal-implimentazzjoni tal-istrumenti Komunitarji fil-qasam tal-Ażil, speċjalment Linji Gwida jew Manwali Operattivi.

Kapitolu III - TIMIJIET TA' APPOĠĠ GĦALL-AŻIL

Artikoli 13 sa 21

L-Uffiċċju jista' jorganizza l-għajnuna operattiva u teknika meħtieġa għal dawk l-Istat(i) Membru(i) li jitolbu għajnuna minħabba pressjonijiet partikolari, u jikkoordina l-

mobilizzazzjoni, għal żmien limitat, ta' wieħed jew bosta timijiet ta' appoġġ għall-ażil fuq it-territorju tal-Istat Membru li jitlob għajnuna għall-perjodu ta' żmien xieraq.

It-timijiet ta' appoġġ għall-ażil jikkontribwixxu notevolment l-esperjenza tagħhom fis-servizz ta' interpretazzjoni, ta' għarfien dwar informazzjoni fir-rigward tal-pajjiżi ta' oriġini u ta' għarfien dwar it-trattament u l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil.

Kapitolu IV - OGANIZZAZZJONI TAL-UFFIĊĊJU

Artikoli 22 sa 32

Dawn l-artikoli jorganizzaw l-istruttura istituzzjonali tal-Uffiċċju, billi jiddefinixxu l-organi tal-Uffiċċju u l-modalitajiet operattivi tiegħu. B'mod partikolari, l-istruttura ta' Manaġment u Ġestjoni tal-Uffiċċju hija magħmula minn Kunsill Amministrattiv, Direttur Eżekutti u l-persunal tiegħu, Kumitat Eżekuttiv u Forum Konsultattiv.

L-UNHCR huwa involut bis-sħiħ fil-ħidma tal-Uffiċċju permezz tal-parteċipazzjoni tiegħu fid-diversi korpi deċiżjonali u ta' ħidma tal-Uffiċċju.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma membru tal-Kunsill Amministrattiv. Kull Stat Membru għandu jkollu vot wieħed. Il-Kummissjoni għandha żewġ voti.

Kapitolu V - DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikoli 33 sa 37

Dawn l-Artikoli jagħtu d-dettalji tad-Dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji li jiggvernaw l-Uffiċċu. Dawn id-Dispożizzjonijiet huma standard fil-materja fil-qafas ta' att ta' twaqqif ta' aġenzija regolatorja.

Kapitolu VI - DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-PERSUNAL

L-Artikoli 38 u 39

Dawn l-Artikoli jagħtu d-dettalji tad-Dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji li jiggvernaw l-Uffiċċu. Dawn id-Dispożizzjonijiet huma standard fil-materja fil-qafas ta' att ta' twaqqif ta' aġenzija regolatorja.

Kapitolu VII - DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikoli 40 sa 52

Dawn l-Artikoli jagħtu d-dettalji tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali li jiggvernaw l-Uffiċċju. Dawn id-Dispożizzjonijiet huma standard fil-materja fil-qafas ta' att ta' twaqqif ta' aġenzija regolatorja.

- **L-evalwazzjoni**

L-Artikolu 45 tar-Regolament jistipula klawsola ta' evalwazzjoni tal-Uffiċċju, applikabbli mhux iktar tard minn 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Din l-evalwazzjoni tirrigwarda l-impatt tal-Uffiċċju fuq il-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil u fuq is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Din għandha tindirizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu modifikati

jew estiżi l-kompiti tal-Uffiċċju, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji ta’ kwalunkwe tali modifika jew estensjoni tal-kompiti. Tali evalwazzjoni għandha teżamina wkoll kemm hi xierqa l-istruttura ta' tmexxija fit-twettiq tal-kompiti tal-Uffiċċju. L-evalwazzjoni għandha tqis l-opinjonijiet tal-partijiet interessati, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll fuq dak nazzjonali.

2009/0027 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Asil

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 63 (1) u 63 (2) u 66 tagħhom,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[6],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[7],

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[8],

B'osservanza tal-proċedura mniżżla fl-Artikolu 251,

Billi:

(1) Il-politika Komunitarja rigward is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil għandha l-għan, skont it-termini tal-Programm tal-Aja, li twaqqaf żona komuni tal-asil, permezz ta' proċedura armonizzata effettiva konformi mal-valuri u t-tradizzjoni umanitarja tal-Unjoni.

(2) Sar bosta progress f'dawn l-aħħar snin, permezz tal-implimentazzjoni ta' standards minimi komuni, fit-triq lejn it-twaqqif ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Madankollu, għad fadal differenzi kbar bejn Stat Membru u ieħor fl-għoti tal-protezzjoni u fis-suriet diversi tal-protezzjoni.

(3) Il-Kummissjoni, fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha fil-qasam tal-asil[9], adottat f'Ġunju 2008, ħabbret l-intenzjoni tagħha li twettaq ħidma dwar l-iżvilupp ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil fuq naħa billi tipproponi reviżjoni tal-istrumenti leġiżlattivi eżistenti sabiex tinkiseb armonizzazzjoni iktar mifruxa tal-istandards fis-seħħ u fuq in-naħa l-oħra biex jissaħħaħ l-appoġġ għall-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri, partikolarment bil-preżentazzjoni ta' proposta leġiżlattiva mmirata biex toħloq Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Asil, li jippermetti titjib fil-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri għal implimentazzjoni effikaċi tar-Regoli Komuni.

(4) Bl-adozzjoni solenni ta' Settembru 2008 tal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-A

---

6 ĠU C tal- , p. .
7 ĠU C tal- , p. .
8 ĠU C tal- , p. .
9 COM(2008) 360.

żil[10] il-Kunsill Ewropew fakkar li kull barrani ppersegwitat għandu d-dritt li jikseb g ħajnuna u protezzjoni fit-territorju tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-Konvezjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati emendat bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 u t-trattati l-oħra relatati. Il-Kunsill Ewropew qabel espressament "fl-2009 jiġi stabbilit uffiċċju ta' appoġġ Ewropew li jkollu l-kompitu li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, ta' analiżi u ta' esperjenzi bejn l-Istati Membri, u li jiżviluppa l-kooperazzjonijiet konkreti bejn l-amministrazzjonijiet inkarigati bl-eżami tat-talbiet għall-ażil".

(5) Il-kooperazzjoni prattika fis-settur tal-ażil għandha l-għan li żżid il-konverġenza tal-pro ċessi deċiżjonali tal-Istati Membri f'dan il-qasam, fi ħdan il-qafas leġiżlattiv Ewropew. Fis-snin reċenti saru diġà numru sostanzjali ta' attivitajiet prattiċi ta' kooperazzjoni, notevolment l-adozzjoni ta' approċċ komuni dwar Informazzjoni tal-Pajjiż ta' Oriġini u dwar it-twaqqif ta' Programm ta' Taħriġ Komuni Ewropew fil-qasam tal-Ażil.

(6) L-Uffiċċju jappoġġja, għall-Istati Membri li s-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil nazzjonali tagħhom tinsab taħt pressjonijiet partikolari u sproporzjonali, partikolarment minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew demografika tagħhom, l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà mmirati biex jiffavorixxu, fuq bażi volontarja u kkoordinata, tqassim aħjar tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali tal-Istati Membri lejn Stati Membri oħrajn, filwaqt li jiġi żgurat li s-sistemi tal-ażil ma jiġux abbużati.

(7) Sabiex issir ħidma fit-tisħiħ u l-iżvilupp ta' dawn id-dispożizzjonijiet, huwa meħtieġ il-ħolqien ta' struttura speċifika maħsuba biex tappoġġjahom u tikkoordinahom, taħt l-g ħamla ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Ażil (l-Uffiċċju).

(8) Sabiex jissodisfa bl-aħjar mod il-mandat tiegħu, l-Uffiċċju għandu jkun indipendenti fl-oqsma tekniċi u jgawdi minn awtonomija legali, amministrattiva u finanzjarja. Għal dan l-iskop, l-Uffiċċju għandu jkun korp Komunitarju li jkollu personalità legali u li jeżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni li jingħataw lilu skont dan ir-Regolament.

(9) Sabiex jibbenefika mill-esperjenza u l-appoġġ tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHCR), l-Uffiċċju għandu jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib ma' dan. G ħalhekk, ir-rwol tal-UNHCR għandu jkun rikonoxxut bis-sħiħ u dan tal-aħħar għandu jkun involut bis-sħiħ fil-ħidma tal-Uffiċċju. L-Uffiċċju għandu wkoll jaħdem f'kollaborazzjoni stretta mal-korpi kompetenti tal-Istati Membri li jwettqu missjonijiet fis-settur tal-ażil, mas-servizzi nazzjonali ta' immigrazzjoni u tal-ażil jew servizzi oħra u juża l-ħiliet u l-esperjenza ta' dawn is-servizzi, flimkien mal-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Uffiċċju biex jiġi żgurat it-twettiq tal-missjoni tieg ħu.

(10) L-Uffiċċju għandu jkun Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza fil-qasam tal-ażil u jkun inkarigat bil-faċilitar, il-koordinazzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil bejn l-Istati Membri, fl-aspetti kollha tiegħu. L-Uffiċċju għandu jkollu l-mandat tiegħu ddedikat għal tliet karigi ewlenin, jiġifieri l-appoġġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil, l-appoġġ għall-Istati Membri li għandhom pressjonijiet partikolari, il-kontribut għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

(11) L-Uffiċċju m'għandu jkollu l-ebda setgħa diretta jew indiretta fit-teħid ta' deċiżjonijiet,

[10] Dokument tal-Kunsill 13440/08 tal-24.09.2008.

mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, fir-rigward tat-talbiet individwali għall-protezzjoni internazzjonali.

(12) Sabiex jingħata appoġġ operattiv rapidu u effikaċi lill-Istati Membri li għandhom pressjonijiet għolja fuq is-sistemi ta' ażil tagħhom, l-Uffiċċju għandu jikkoordina l-mobilizzazzjoni, fit-territorji tal-Istati Membri li jitolbu l-għajnuna, ta' timijiet ta' appoġġ għall-ażil magħmula minn esperti fil-qasam. Dawn it-timijiet għandhom jikkontribwixxu notevolment l-esperjenza tagħhom fis-servizz ta' interpretazzjoni, ta' għarfien dwar informazzjoni fir-rigward tal-pajjiż ta' oriġini u ta' għarfien dwar it-trattament u l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil. Is-sistema tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil għandha tiġi ggvernata minn dan ir-Regolament sabiex tkun żgurata l-effiċjenza tal-mobilizzazzjoni tagħhom.

(13) L-Uffiċċju għandhu jwettaq ix-xogħlijiet tiegħu f'kondizzjonijiet li jippermettulu li jservi bħala punt ta' referenza minħabba l-indipendenza tiegħu u l-kwalità xjentifika u teknika tal-appoġġ li jagħti u l-informazzjoni li jipprovdi, permezz tat-trasparenza tal-proċeduri u l-metodi tiegħu ta' operat, u bid-diliġenza tiegħu fit-twettiq tax-xogħlijiet assenjati lilu.

(14) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikunu rappreżentati fil-Kunsill Amministrattiv sabiex jikkontrollaw effettivament il-funzjonijiet tal-Uffiċċju. Kemm jista' jkun, il-Kunsill Amministrattiv għandu jkun magħmul mill-Kapijiet operazzjonali tas-servizzi nazzjonali responsabbli għall-politika dwar l-ażil, jew rappreżentanti tagħhom. Dan għandu jkun fdat bis-setgħat meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa, jistabbilixxi proċeduri trasparenti ta' ħidma sabiex jittieħdu deċiżjonijiet mill-Uffiċċju u jaħtar id-Direttur Eżekuttiv. Sabiex l-UNHCR jiġi involut bis-sħiħ fil-ħidmiet tal-Uffiċċju u meta jitqies l-esperjenza tiegħu fil-qasam tal-ażil, l-UNHCR għandu jkun membru tal-Kunsill Amminsitrattiv mingħajr dritt għall-vot.

(15) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni rapida u effiċjenti tal-Uffiċċju, dan tal-aħħar għandu jiġi assistit minn Kumitat Eżekuttiv, magħmul minn rappreżentati tal-Istati Membri, u li l-kariga tagħhom tkun li jagħtu pariri lid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju u jagħtu pariri lill-Kunsill Amministrattiv.

(16) Sabiex tiġi garantita l-awtonomija u l-indipendenza kompleta tal-Uffiċċju, jaqbel li jingħata baġit awtonomu, ipprovdut essenzjalment mill-kontribuzzjonijiet tal-Komunità. Il-proċedura Komunitarja tal-baġit għandha tkun applikabbli sakemm il-kontribuzzjoni Komunitarja u kull sussidju ieħor li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea huma kkunsidrati. Il-verifika tal-kontijiet għandha ssir mill-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej.

(17) Biex jaqdi dmirijietu sew, u sakemm dan ikun meħtieġ għall-kompiti tiegħu, l-Uffiċċju għandu jikkoopera ma' korpi Komunitarji oħra, notevolment mal-Aġenzija Ewropea għall-Amministrazzjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva għall-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX), imwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 2007/2004[11] u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (FRA), imwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 168/2007[12]. Għandu jikkoopera wkoll mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi, il-korpi internazzjonali kompetenti fl-oqsma

[11] ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

ggvernati minn dan ir-Regolament, u ma' pajjiżi terzi, fil-qafas ta' ftehim ta' ħidma konklużi b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat.

(18) Sabiex iwettaq sew dmirijietu, l-Uffiċċju għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li kkonkludew ftehimiet mal-Komunità Ewropea li permezz tagħhom adottaw u japplikaw il-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-qasam kopert minn dan ir-Regolament, bħad-Danimarka, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Iżvizzera. L-Uffiċċju jista' wkoll, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jikkonkludi arranġamenti ta' ħidma, konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, ma' pajjiżi oħra minbarra dawk li kkonkludew ftehim mal-Komunità Ewropea li permezz tagħhom adottaw u japplikaw il-leġiżlazzjoni Komunitarja. Madankollu, l-Uffiċċju m'għandu fl-ebda każ jiżviluppa politika barranija awtonoma.

(19) Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)[13] għandu japplika mingħajr restrizzjoni għall-Uffiċċju, li għandu jżomm mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej f'dak li għandu x'jaqsam mal-investigazzjonijiet interni tal-Uffiċċju ta' kontra l-Frodi (OLAF)[14].

(20) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[15] għandu japplika għall-Uffiċċju.

(21) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' din id-data[16] japplika għall-ipproċessar tad-dejta personali mill-Uffiċċju.

(22) Id-dispożizzjonijiet meħtieġa li jikkonċernaw l-akkomodazzjoni tal-Uffiċċju fl-Istat Membru ospitanti u r-regoli speċifiċi applikabbli għall-persunal kollu tal-Uffiċċju u għall-membri tal-familja tagħhom għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim dwar Kwartieri Ġenerali. Barra minn hekk, l-Istat Membru ospitanti għandu jiżgura l-aħjar kondizzjonijiet possibbli għall-ħidma tajba tal-Uffiċċju, inkluż fir-rigward tal-iskejjel għat-tfal u t-trasport, sabiex ikun jista' jattira r-riżorsi umani ta' kwalità għolja abbażi ta' firxa ġeografika wiesgħa kemm jista' jkun.

(23) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħtieġa li tiġi ffaċilitata u msaħħa l-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ażil kif ukoll li jingħata kontribut għal implimentazzjoni aħjar tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, ma jistgħux jitwettqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jitwettqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tieħu miżuri, konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà ddedikat għall-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

---

12 ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.
13 ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
14 ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.
15 ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.
16 ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(24) Konformi mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka mehmuża mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, u għalhekk m'hijiex marbuta bih, u lanqas hija obbligata li tapplikah.

(25) Dan ir-Regolament jirrispetta d-Drittijiet Fundamentali u josserva l-prinċipji magħrufa notevolment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u għandu jkun applikat b'mod konformi mal-Artikolu 18 li jirrigwarda d-dritt għall-ażil.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

ĦOLQIEN U KOMPITI TAL-UFFIĊĊJU TA' APPOĠĠ EWROPEW FIL-QASAM TAL-AŻIL

L-Ewwel Artikolu
It-Twaqqif tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Ażil

B'dan huwa mwaqqaf Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Ażil, (l-Uffiċċju), sabiex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil bejn l-Istati Membri.

Artikolu 2
Il-ħidmiet tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Ażil

1. L-Uffiċċju jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ażil, fl-aspetti diversi kollha tagħha, sabiex jikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, inklużi l-aspetti esterni tagħha.

2. L-Uffiċċju jagħti appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri li għandhom pressjonijiet għolja fuq is-sistemi ta' ażil tagħhom, notevolment billi jikkoordina t-timijiet ta' appoġġ għall-ażil magħmulin minn esperti fil-qasam tal-ażil.

3. L-Uffiċċju jipprovdi għajnuna teknika u xjentifika għall-politika u għal-leġiżlazzjoni tal-Komunità fl-oqsma kollha li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-ażil, sabiex ikun jista' jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu fil-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil u jwettaq id-dmirijiet tiegħu bl-aħjar mod. Huwa sors indipendenti ta' informazzjoni fuq il-kwistjonijiet kollha relatati ma' dawn l-oqsma.

4. L-Uffiċċju jwettaq ix-xogħlijiet tiegħu f'kondizzjonijiet li jippermettulu li jservi bħala punt ta' referenza minħabba l-indipendenza tiegħu u l-kwalità xjentifika u teknika tal-appoġġ li jagħti u l-informazzjoni li jagħti, permezz tat-trasparenza tal-proċeduri u l-metodi tiegħu ta' operat, u bid-diliġenza tiegħu fit-twettiq tax-xogħlijiet assenjati lilu.

5. L-Uffiċċju jwettaq id-dmirijiet tiegħu mingħajr preġudizzju ta' dawk attribwiti lill-A

ġenzija tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jaħdem f'kollaborazzjoni stretta magħha, kif ukoll mal-UNHCR.

KAPITOLU 2

Il-KOMPITI TAL-UFFIĊĊJU TA' APPOĠĠ EWROPEW FIL-QASAM TAL-AŻIL

Taqsima 1
Appoġġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-asil

Artikolu 3
L-iskambju ta' informazzjoni u l-prattiċi tajba

L-Uffiċċju jorganizza, jiffavorixxi u jikkoordina l-azzjonijiet kollha li jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-iskambju tal-prattiċi tajba bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ażil.

Artikolu 4
L-informazzjoni dwar il-pajjiżi ta' oriġini

L-Uffiċċju jorganizza, jiffavorixxi u jikkoordina l-azzjonijiet relatati mal-informazzjonijiet dwar il-pajjiżi ta' oriġini, u b'mod partikolari

(a) il-ġbir, billi jintużaw is-sorsi relevanti kollha ta' informazzjoni, notevolment governattivi u mhux governattiva, informazzjoni relatata mal-pajjiżi ta' oriġini ta' dawk li jitolbu l-ażil u tal-persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali.

(b) l-amministrazzjoni u l-iżvilupp ta' portal li jiġbor l-informazzjoni relatata mal-pajjiżi ta' oriġini u l-manteniment tal-portal.

(c) it-tfassil ta' format komuni u ta' metodoloġija komuni għall-pre żentazzjoni, il-verifika u l-użu tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini

(d) l-analiżi tal-informazzjoni dwar il-pajjiżi ta' oriġini u t-tfassil tar-rapporti dwar il-pajjiżi ta' oriġini

Artikolu 5
L-Appoġġ għat-trasferiment intrakomunitarju tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali

Għall-Istati Membri li s-sistema ta' ażil nazzjonali tagħhom jinsab taħt pressjonijiet partikolari u sproporzjonati, speċjalment minħabba s-sitwazzjoni ġeografika jew demografika tagħhom, l-Uffiċċju jikkoordina l-iskambju ta' informazzjoni u kull azzjoni oħra marbuta mal-implimentazzjoni tal-istrumenti u l-mekkaniżmi relatati mat-trasferiment intrakomunitarju, fuq bażi volontarja, tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 6
L-Appoġġ għat-Taħriġ

1. L-Uffiċċju jistabbilixxi u jiżviluppa t-taħriġ maħsub għall-membri tal-amministrazzjonijiet u ġuriżdizzjonijiet nazzjonali kollha, kif ukoll għas-servizzi nazzjonali kompetenti kollha tal-Istati Membri fil-qasam tal-ażil.

2. L-Uffiċċju jamministra u jiżviluppa kurrikulu Ewropew fil-qasam tal-ażil.

3. It-taħriġ proposti mill-Uffiċċju jistgħu jkunu ġenerali, speċifiċi jew tematiċi.

4. It-taħriġ speċifiku huwa ffukat partikolarment fuq:

   (a) il-kwistjonijiet marbutin mat-trattament ta' talbiet għall-ażil tal-minuri, tal-persuni vulnerabbli u bi bżonnijiet speċifiċi

   (b) l-identifikazzjoni tas-sinjali u s-sintomi ta' tortura

   (c) it-tekniki ta' manutenzjoni

   (d) l-użu ta' rapporti ta' esperti mediċi u legali fil-proċeduri tal-ażil

   (e) il-kwistjonijiet marbutin mal-produzzjoni u l-użu u l-isfruttar tal-informazzjoni dwar il-pajjiżi ta' oriġini

   (f) il-kwistjonijiet speċifiċi legali jew ġurisprudenzjali.

5. It-taħriġ proposti huma partikolarment immirati biex jiżguraw kwalità għolja tat-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll biex jiġu definiti l-prinċipji ewlenin u l-prattiċi tajba eżemplari sabiex jikkontribwixxi u jżid il-konverġenza tal-prattiċi, tal-metodi amministrattivi u l-ġurisprudenzi nazzjonali.

6. Għal dawk l-esperti li jiffurmaw parti mir-riżerva ta' intervent għall-ażil kif imsemmi fl-Artikolu 15(3), l-Uffiċċju jorganizza taħriġ speċjalizzat relatat mal-karigi li jkunu mitluba jwettqu u l-kompetenzi li jkollhom jużaw, bl-istess mod għall-eżerċizzji perjodiċi għall-dawn l-esperti skont l-iskeda ta' taħriġ speċjalizzat u l-eżerċizzji indikati fil-programm ta' ħidma annwali tiegħu.

7. L-Uffiċċju jista' jorganizza attivitajiet ta' taħriġ f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fit-territorju tagħhom.

Artikolu 7
L-Appoġġ għall-aspetti esterni tal-politika tal-ażil

Fil-qasam estern, u bi ftehim mal-Kummissjoni, l-Uffiċċju jikkoordina l-iskambju ta' informazzjoni u kull azzjoni oħra relatata mal-kwistjonijiet marbutin mal-implimentazzjoni tal-istrumenti u l-mekkaniżmi tad-dimensjoni esterna tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

L-Uffiċċju jikkoordina l-iskambju ta' informazzjoni u kull azzjoni oħra li jsiru fir-rigward tal-istallazzjoni mill-ġdid tar-refuġjati fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Fil-qafas tal-mandat tiegħu, u skont l-Artikolu 47, l-Uffiċċju jista' jistabbilixxi forom ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, dwar l-aspetti tekniċi partikolarment f'dak li jirrigwarda t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi fil-qafas tal-programmi ta' protezzjoni reġjonali.

Taqsima 2
L-Appoġġ lill-Istati Membri li għandhom pressjonijiet partikolari

Artikolu 8
Pressjonijiet partikolari

L-Uffiċċju jikkoordina u jappoġġja kull azzjoni komuni favur l-Istati Membri li għandhom pressjonijiet partikolari, notevolment dawk ikkawżati mis-sitwazzjoni ġeografika tagħhom jew minħabba s-sitwazzjonijiet ikkawżati mill-wasla f'daqqa, ta' għadd kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jkollhom bżonn protezzjoni internazzjonali.

Artikolu 9
Il-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni

1. Sabiex ikun jista' jagħmel evalwazzjoni tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri li jinsabu taħt pressjonijiet partikolari, l-Uffiċċju jiġbor, notevolment fuq bażi tal-informazzjoni pprovduta lill-Uffiċċju mill-Istati Membri u mill-UNHCR, kull informazzjoni utli li tippermetti l-identifikazzjoni, it-tħejjija u d-definizzzjoni tal-miżuri ta' emerġenza mmirati biex jiffaċċjaw il-pressjonijiet partikolari, notevolment fil-qafas tar-Regolament (.../...) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi tad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli mill-eżami ta' talba ta' protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna bla stat[17].

2. L-Uffiċċju jiġbor u janalizza b'mod sistematiku, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, l-istrutturi u l-persunal disponibbli, notevolment fit-traduzzjoni u l-interpretazzjoni, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' akkoljenza fil-qasam tal-ażil fl-Istati Membri, sabiex isir skambju rapidu u affidabbli ta' informazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali differenti responsabbli fil-qasam tal-ażil.

Artikolu 10
L-Azzjonijiet ta' appoġġ għall-Istati Membri

L-Uffiċċju jikkoordina l-azzjonijiet ta' appoġġ għall-Istati Membri li għandhom pressjonijiet partikolari u notevolment

a) iwaqqaf sistema ta' allarm bikkri mmirat biex jinnotifika l-Istati Membri dwar il-wasliet kbar eventwali ta' persuni li jitolbu l-protezzjoni internazzjonali;

b) jikkoordina l-azzjonijiet li għandhom isiru favur l-Istati Membri li għandhom pressjonijiet sabiex tiġi ffaċilitata l-ewwel analiżi tat-talbiet għall-ażil eżaminati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;

[17] COM(2008) 820.

c) jikoordina l-azzjonijiet li jippermettu t-twaqqif malajr ta' ċentri ta' akkoljenza xierqa mill-Istat Membru li għandu pressjonijiet, b'mod partikolari l-akkomodazzjoni urġenti, il-mezzi ta' trasport u l-għajnuna medika;

d) jikkoordina t-timijiet ta' appoġġ għall-ażil, li l-modus operandi tagħhom huma definiti fil-Kapitolu 3.

Taqsima 3
Il-kontribut għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil

Artikolu 11
Il-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni

1. L-Uffiċċju jorganizza, jikkoordina u jiffavorixxi l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-ażil, kif ukoll bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-ażil, dwar l-implimentazzjoni tal-ġabra ta' strumenti bbażati fuq l-*acquis communautaire* fil-qasam tal-ażil. B'dan il-għan, jista' joħloq bażi ta' dejta fattwali, legali u ġurisprudenzjali dwar l-istrumenti relatati mal-ażil fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.

2. B'mod partikolari, l-Uffiċċju jiġbor l-informazzjoni segwenti:

(a) informazzjoni dwar l-ipproċessar tat-talbiet għal protezzjoni internazzjonali fl-amministrazzjonijiet u awtoritajiet nazzjonali.

(b) informazzjoni dwar il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u l-iżviluppi tagħhom fil-qasam tal-ażil, inkluż il-ġurisprudenza.

Artikolu 12
Ir-Rapporti u dokumenti oħra tal-Uffiċċju

1. Kull sena, l-Uffiċċju jħejji rapport dwar is-sitwazzjoni tal-ażil fl-Unjoni Ewropea. Fil-qafas ta' dan ir-rapport, l-Uffiċċju jevalwa partikolarment ir-riżultati tal-azzjonijiet li saru f'isem dan ir-Regolament u jagħmel analiżi komparattiva globali, sabiex jiffavorixxi għarfien aħjar mill-Istati Membri dwar il-prattiċi tajba attwali u jtejjeb il-kwalità, il-koerenza u l-effikaċità tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil.

2. L-Uffiċċju jista' jħejji, fuq talba tal-Kummissjoni, fuq opinjoni tal-Kumitat Eżekuttiv skont kif stipulat fl-Artikolu 30, f'kollaborazzjoni stretta tal-gruppi ta' ħidma tiegħu mal-Kummissjoni, dokumenti tekniċi relatati mal-implimentazzjoni tal-istrumenti Komunitarji fil-qasam tal-ażil, b'mod partikolari l-Linji Gwida jew il-manwali operattivi.

KAPITOLU 3

It-Timijiet ta' appoġġ għall-ażil

Artikolu 13
Il-Koordinazzjoni

L-Uffiċċju jista' jorganizza l-għajnuna operattiva u teknika meħtieġa għal dawk l-Istati Membri li jitolbu għajnuna minħabba pressjonijiet partikolari, u jikkoordina l-mobilizzazzjoni, għal żmien limitat, ta' wieħed jew bosta timijiet ta' appoġġ għall-użil fuq it-territorju tal-Istat Membru li jitlob għajnuna għall-perjodu ta' żmien xieraq. Partikolarment, l-Uffiċċju jista':

a) joffri l-għajnuna tiegħu f'kull kwistjoni ta' koordinazzjoni bejn tnejn jew iktar Stati Membri sabiex jiġu riżolti l-problemi li jiltaqgħu magħhom;

b) jibgħat l-esperti tiegħu għall-perjodu meħtieġ sabiex jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru(i) kkonċernati.

Artikolu 14
L-Għajnuna teknika

It-timijiet ta' appoġġ għall-użil jikkontribwixxu notevolment l-esperjenza tagħhom fis-servizz ta' interpretazzjoni, ta' għarfien dwar informazzjoni fir-rigward tal-pajjiż ta' oriġini u ta' għarfien dwar it-trattament u l-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-użil, fil-qafas tal-azzjonijiet ta' appoġġ lill-Istati Membri mmexxija mill-Uffiċċju b'mod konformi mal-Artikolu 10.

Artikolu 15
Ir-Riżerva ta' intervent għall-użil

1. Fuq proposta tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, il-Kumitat Eżekuttiv tal-Uffiċċju għandu jiddeċiedi b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tiegħu l-profili u n-numru sħiħ ta' esperti disponibbli sabiex jiġu ffurmati t-timijiet ta' appoġġ għall-użil (Ir-riżerva ta' intervent għall-użil). L-istess proċedura għandha tapplika għal kwalunkwe bidla sussegwenti fil-profili u n-numru sħiħ ta' esperti tar-riżerva ta' intervent għall-użil.

2. L-Istati Membri jikkontribwixxu għar-riżerva ta' intervent għall-użil permezz ta' grupp ta' esperti nazzjonali bbażat fuq il-profili differenti definiti billi jaħtru esperti li jikkorrispondu mal-profili meħtieġa.

Artikolu 16
Il-Mobilizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom immedjatament jikkomunikaw, fuq talba tal-Uffiċċju, in-numru, l-ismijiet u l-profili tal-esperti mir-riżerva nazzjonali tagħhom li huma jistgħu jqiegħdu għad-dispożizzjoni fi żmien ħamest ijiem bħala membri tat-tim ta' appoġġ għall-użil. Fuq talba tal-Uffiċju, l-Istati Membri għandhom jibgħatu l-esperti, ħlief jekk l-Istati Membri jkunu qed jiffaċċja sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa b'mod sostanzjali t-twettiq ta' kompiti nazzjonali. L-awtonomija tal-Istat Membru ta' oriġini f'relazzjoni mal-għażla tal-persunal u t-tul ta' żmien tal-mobilizzazzjoni tagħhom m'għandhiex tkun affettwata.

2. Meta tiġi deċiża l-kompożizzjoni tat-tim ta' appoġġ għall-ażil għall-mobilizzazzjoni, id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu kont taċ-ċirkostanzi partikolari li qed jiffaċċja l-Istat Membru li jagħmel it-talba. It-tim ta' appoġġ għall-ażil għandu jkun kompost skont il-pjan operattiv imħejji skont l-Artikolu 18.

Artikolu 17
Il-Proċedura ta' deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni

1. Talba għall-mobilizzazzjoni ta' timijiet ta' appoġġ għall-ażil, b'mod konformi mal-Artikolu 16.1, għandha tinkludi deskrizzjoni tas-sitwazzjoni, il-miri possibbli u l-ħti ġijiet previsti għall-mobilizzazzjoni. Jekk meħtieġ, id-Direttur Eżekuttiv jista' jibgħat esperti mill-Uffiċċju biex jevalwaw is-sitwazzjoni tal-Istat Membru li jagħmel it-talba.

2. Id-Direttur Eżekuttiv jinforma immedjatament il-Kumitat Eżekuttiv dwar il-mobilizzazzjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu deċiżjoni dwar it-talba għall-mobilizzazzjoni tat-timijiet malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol mid-data meta rċieva t-talba. Id-Direttur Eżekuttiv għandu fl-istess ħin javża bil-miktub lill-Istat Membru li għamel it-talba u lill-Kumitat Eżekuttiv dwar id-deċiżjoni. Id-deċi żjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet ewlenin li fuqhom hija bbażata.

4. Jekk id-Direttur Eżekuttiv jiddeċiedi li jibgħat wieħed jew iktar mit-timijiet ta' appoġ ġ għall-ażil, l-Uffiċċju u l-Istat Membru li għamel it-talba għandhom ifasslu immedjatament pjan operattiv skont l-Artikolu 18.

5. Malli jkun hemm ftehim dwar il-pjan operattiv, id-Direttur Eżekuttiv għandu jinforma lill-Istati Membri bin-numru mitlub u bil-profili ta' esperti li ser jiġu mobilizzati fit-timijiet. Din l-informazzjoni għandha tingħata, bil-miktub, lill-punti nazzjonali ta' kuntatt stabbiliti skont l-Artikolu 19 u għandha tindika d-data li fiha trid issir il-ħidma. Għandha tiġi pprovduta wkoll lilhom kopja tal-pjan operattiv.

6. Jekk id-Direttur Eżekuttiv huwa assenti jew indispost, id-deċiżjonijiet relatati mal-mobilizzazzjoni tat-timijiet għandhom jittieħdu mill-Kap tal-Unità li jissostitwih matul l-assenza tiegħu.

Artikolu 18
Il-Pjan Operattiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv u l-Istat Membru li jagħmel it-talba għandhom jiftehmu dwar pjan operattiv li jagħti l-kondizzjonijiet preċiżi għall-mobilizzazzjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil. Il-pjan operattiv għandu jinkludi dan li ġej:

   a) id-deskrizzjoni tas-sitwazzjoni bil-modus operandi u l-għanijiet tal-mobilizzazzjoni, inkluż l-għan operattiv;

   b) id-dewmien previst tal-mobilizzazzjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil;

   c) iż-żona ġeografika ta' responsabbiltà fl-Istat Membru li jagħmel it-talba fejn ser

jintbagħtu it-Timijiet;

d) id-deskrizzjoni tal-kompiti u tal-istruzzjonijiet speċjali, inklużi dawk dwar il-baġijiet ta' dejta li l-membri tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil huma awtorizzati jikkonsultaw u t-tagħmir li huma awtorizzati jużaw fl-Istat Membru ospitanti;

e) il-kompożizzjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil.

2. Għandu jkun hemm ftehim dwar kull emenda jew adattament għall-pjan operattiv kemm mid-Direttur Eżekuttiv kif ukoll tal-Istat Membru li jagħmel it-talba. Għandha tintbagħat minnufih kopja tal-pjan operattiv emendat jew adattat mill-Uffiċċju lill-Istati Membri parteċipanti.

Artikolu 19
Il-Punt ta' kuntatt nazzjonali

Kull Stat Membru għandu jagħżel punt ta' kuntatt nazzjonali għall-komunikazzjoni mal-Uffiċċju fuq il-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil. Il-punt ta' kuntatt nazzjonali għandu jkun jista' jintlaħaq f'kull ħin.

Artikolu 20
Il-punt ta' kuntatt Komunitarju

1. Id-Direttur Eżekuttiv jaħtar espert wieħed jew iktar tal-Uffiċċju, li jaġixxu bħala punt ta' kuntatt Komunitarju inkarigati mill-koordinazzjoni. Id-Direttur Eżekuttiv għandu javża lill-Istat Membru ospitanti bil-ħatra.

2. Il-punt ta' kuntatt Komunitarju jintervjeni f'isem l-Uffiċċju fl-aspetti kollha ta' mobilizzazzjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil. Partikolarment dan ikun inkarigat li:

a) jaġixxi bħala l-kollegament bejn l-Uffiċċju u l-Istat Membru ospitanti;

b) jaġixxi bħala kollegament bejn l-Uffiċċju u l-membri tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil, u jipprovdi assistenza, f'isem l-Uffiċċju, dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-kondizzjonijiet tal-mobilizzazzjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil;

c) isegwi l-implimentazzjoni korretta tal-pjan operattiv;

d) jagħti rendikont lill-Uffiċċju dwar l-aspetti kollha tal-mobilizzazzjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil.

3. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju jista' jawtorizza l-punt ta' kuntatt biex jikkontribwixxi għas-soluzzjoni tad-differenzi fir-rigward tat-twettiq tal-pjan operattiv u fil-mobilizzazzjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil.

4. Fil-qadi ta' dmirijietu, il-punt ta' kuntatt Komunitarju għandu jieħu biss l-istruzzjonijiet mill-Uffiċċju.

Artikolu 21

L-ispejjeż

L-Uffiċċju jkopri b'mod sħiħ l-ispejjeż li ġejjin imġarrba mill-Istati Membri meta jpoġġu l-esperti tagħhom għad-dispożizzjoni għall-finijiet ta' mobilizzazzjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil:

a) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar mill-Istat Membru ta' oriġini għall-Istat Membru ospitanti u mill-Istat Membru ospitanti sal-Istat Membru ta' oriġini;

b) l-ispejjeż relatati mat-tilqim;

c) l-ispejjeż relatati mal-ħtiġijiet ta' assigurazzjoni speċjali;

d) l-ispejjeż relatati mal-kura tas-saħħa;

e) il-konċessjonijiet għall-għajxien ta' kuljum, inklużi l-ispejjeż għall-akkomodazzjoni;

f) l-ispejjeż relatati mat-tagħmir tekniku tal-Uffiċċju.

KAPITOLU 4

ORGANIZZAZZJONI TAL-UFFIĊĊJU

Artikolu 22
Il-Korpi tal-Uffiċċju

L-istruttura ta' Amministrazzjoni u Ġestjoni tal-Uffiċċju hija:

a) Kunsill Amministrattiv;

b) Direttur Eżekuttiv u l-persunal tiegħu;

c) Kumitat Eżekuttiv;

d) Forum Konsultattiv.

Artikolu 23
Il-Kompożizzjoni tal-Kunsill Amministrattiv

1. Il-Kunsill Amministrattiv għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant ieħor mill-Kummissjoni.

2. Membru supplenti jista' jirrappreżenta jew jakkumpanja kull membru tal-Kunsill Amministrattiv; meta jkun qed jakkumpanja membru, il-membru supplenti għandu jattendi mingħajr ma jkollu d-dritt li jivvota.

3. Il-membri tal-Kunsill Amministrattiv huma maħtura abbażi tal-esperjenza tagħhom u tal-ħiliet ta' livell għoli tagħhom fil-qasam tal-ażil.

4. L-UNHCR huwa membru awtomatiku tal-Kunsill Amministrattiv, mingħajr dritt għall-vot.

5. Il-membri tal-Kunsill Amministrattiv jinħatru għal perjodu ta' tliet snin. Dan it-terminu tal-mandat jista' jiġġedded. Malli jagħlqilhom it-terminu tal-mandat jew f'każ li jirri żenjaw, il-membri għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm il-ħatra tagħhom tiġi m ġedda, jew jiġu mibdula.

Artikolu 24
Il-Presidenza tal-Kunsill Amministrattiv

1. Il-Kunsill Amministrattiv jaħtar President u Viċi-President fost il-membri. Il-Viċi-President jissostitwixxi awtomatikament il-President meta dan tal-aħħar ma jkunx f'po żizzjoni li jaqdi dimirijietu.

2. Il-mandat tal-President u dak tal-Viċi-President huwa ta' tliet snin u jistgħu jiġġeddu darba biss. Madankollu, jekk huma ma jibqgħux membri tal-Kunsill Amministrattiv fi kwalunkwe mument tal-mandat tagħhom bħala President jew Viċi-President, il-mandat tagħhom jiskadi awtomatikament fl-istess data.

Artikolu 25
Il-laqgħat tal-Kunsill Amministrattiv

1. Il-laqgħat tal-Kunsill Amministrattiv għandhom jiġu mlaqqa' mill-President tiegħu. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju għandu jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet.

2. Il-Kunsill Amministrattiv għandu jiltaqa' tal-anqas darbtejn fis-sena f'sessjoni ordinarja. Barra minn hekk, għandu jiltaqa' fuq is-sejħa tal-President jew fuq it-talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu. Il-President isejjaħ laqgħat addizzjonali tal-Kunsill Amministrattiv fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu.

3. Il-Kunsill Amministrattiv jista' jistieden lil kwalunkwe persuna b'opinjonijiet li jistgħu jkunu rilevanti biex tattendi l-laqgħat bħala osservatur.

4. Il-membri tal-Kunsill Amministrattiv jistgħu, soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, jiġu assistiti minn konsulenti jew esperti.

5. Is-segretarjat tal-Kunsill Amministrattiv għandu jiġi pprovdut mill-Uffiċċju.

Artikolu 26
Il-Votazzjoni

1. Il-Kunsill Amministrattiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' maġġoranza assoluta tal-membri kollha intitolati għall-vot. Kull membru li għandu d-dritt għall-vot għandu vuċi. Fin-nuqqas ta' membru, is-supplent tiegħu jew tagħha għandu jkun intitolat jeżerċita d-dritt tiegħu jew tagħha li jivvota.

2. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju m'għandux jivvota.

3. Il-president għandu jieħu sehem fil-votazzjoni.

4. L-Istati Membri li ma jipparteċipawx bi sħiħ fl-*acquis communautaire* fil-qasam tal-a żil ma jieħdux sehem fil-votazzjoni meta l-Kunsill Amministrattiv jkollu jieħu deċi żjonijiet, fil-qafas tas-setgħa mogħtija lill-Uffiċċju skont kif definiti fl-Artikolu 27, abbażi ta' strumenti li fihom ma jipparteċipawx.

5. Ir-regoli interni tal-Kunsill Amministrattiv jistabbilixxu l-arranġamenti ta' votazzjoni aktar dettaljati, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għal membru biex jaġixxi f'isem membru ieħor kif ukoll kull ħtiġijiet ta' kworum, fejn hu xieraq.

Artikolu 27
Il-Funzjonijiet tal-Kunsill Amministrattiv

Il-Kunsill Amministrattiv jiżgura li l-Uffiċċju jaqdi l-funzjonijiet assenjati lilu. Huwa l-korp ta' programmazzjoni u sorveljanza tal-Uffiċċju. B'mod partikolari, għandu:

(a) jistabbilixxi r-Regoli Interni tiegħu;

(b) jaħtar id-Direttur Eżekuttiv skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 28; jeżer ċita l-awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur Eżekuttiv u, jekk ikun meħtieġ, jissospendih jew ikeċċieh;

(c) jadotta r-Rapport Annwali Ġenerali dwar l-attivitajiet tal-Uffiċċju u jibagħtu sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju tas-sena segwenti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri. Ir-Rapport Ġenerali għandu ji ġi ppubblikat;

(d) jadotta, b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri li għandhom id-dritt għall-vot, qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, abbażi ta' abbozz ippreżentat mid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju, u wara li tasal l-opinjoni tal-Kummissjoni, il-programm ta' ħidma tal-Uffiċċju għas-sena segwenti u jippreżentah lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni; Il-programm ta' ħidma huwa adottat skont il-proċedura baġitarja annwali u skont il-programm ta' ħidma leġi żlattiv tal-Komunità fil-qasam relevanti tal-ażil;

(e) jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu relatati mal-baġit tal-Uffiċċju skont il-Kapitolu 5;

(f) jadotta l-proċeduri għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 skont l-Artikolu 42 ta' dan ir-Regolament.

(g) jistabbilixxi l-lingwi tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament;

(h) jiddefinixxi l-istruttura ta' organizzazzjoni tal-Uffiċċju u jiddeċiedi l-politika tal-Uffiċċju fir-rigward tal-persunal fir-rispett tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 38;

(i) jadotta, wara li jkun talab l-opinjoni tal-Kummissjoni, il-pjan multiannwali fil-qasam tal-politika tal-persunal;

(j) jieħu kull deċiżjoni favur l-implimentazzjoni tal-mandat tal-Uffiċċju skont kif definit f'dan ir-Regolament;

(k) jieħu kull deċiżjoni dwar il-ħolqien, u jekk meħtieġ għall-evoluzzjoni, tas-sistemi ta' informazzjoni previsti b'dan ir-Regolament u notevolment il-portal tal-informazzjoni stipulat fl-Artikolu 4(b);

(l) jieħu kull deċiżjoni dwar il-ħolqien u, jekk meħtieġ għall-evoluzzjoni tal-istrutturi interni ta' ħidma tal-Uffiċċju;

(m) jeżerċita l-awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur Eżekuttiv;

(n) jistabbilixxi r-regoli interni abbażi ta' abbozz ippreżentat mid-Direttur Eżekuttiv u wara l-opinjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu 28
Il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju huwa maħtur mill-Kunsill Amministrattiv għal perjodu ta' ħames snin, abbażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni. Qabel ma jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Kunsill Amministrattiv jkun mitlub jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat/i kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb domandi mill-membri tagħhom.

   Matul l-aħħar disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin, il-Kummissjoni tipproċedi għal evalwazzjoni partikolarment dwar:

   - ir-riżultati miksuba mid-Direttur Eżekuttiv;

   - id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-Uffiċċju matul is-snin ġejjiena.

2. Il-Kunsill Amministrattiv, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li jqis ir-rapport ta' evalwazzjoni u biss meta jkun iġġustifikat bid-dmijiet u l-ħtiġijiet tal-Uffiċċju, jista' jġedded il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba għal mhux iktar minn tliet snin.

3. Il-Kunsill Amministrattiv jinforma l-Parlament Ewropew dwar l-intenzjoni li jġedded il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Fix-xahar qabel ma jsir dan it-tiġdid, id-Direttur Eżekuttiv jista' jiġi mitlub jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat/i kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb domandi mill-membri tagħhom.

Artikolu 29
Il-funzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv

1. L-Uffiċċju għandu jitmexxa mid-Direttur Eżekuttiv tiegħu, li għandu jwettaq il-ħidma tiegħu b'mod indipendenti. Id-Direttur Eżekuttiv għandhu jagħti rendikont tal-attivitajiet tiegħu lill-Kunsill Amministrattiv.

2. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Kummissjoni u l-Kunsill Amministrattiv,

id-Direttur Eżekuttiv m'għandu la jfittex u lanqas jieħu istruzzjoniijiet minn xi gvern jew minn kwalunkwe korp ieħor.

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jistiednu lid-Direttur Eżekuttiv biex jirrapporta dwar it-twettiq tal-kompiti tiegħu/tagħha.

4. Id-Direttur għandu jkun ir-rappreżent legali tal-Uffiċċju.

5. Id-Direttur Ezekuttiv jista' jiġi assistit minn wieħed jew aktar Kapijiet ta' Unità. Jekk id-Direttur Eżekuttiv huwa assenti jew indispost, wieħed mill-kapijiet tal-unità għandu jissostitwih.

6. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għal:

(a) l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Uffiċċju;

(b) it-twaqqif ta' proposti ta' programmi ta' ħidma għall-Uffiċċju, wara l-opinjoni tal-Kummissjoni;

(c) għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma u d-deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill Amministrattiv;

(d) għat-tħejjija ta' rapporti dwar il-pajjiżi ta' oriġini skont kif stipulat fl-Artikolu 4(d);

(e) li jħejjij l-abbozz tar-Regolament Finanzjarju tal-Uffiċċju stabbilit mill-Kunsill Amministrattiv konformi mal-Artikolu 37, kif ukoll mal-miżuri ta' eżekuzzjoni;

(f) għall-preparazzjoni ta' abbozz ta' prospett tal-istimi tal-qligħ u l-ispejjeż tal-Uffiċċju u l-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu;

(g) jeżerċita fir-rigward tal-persunal tal-Uffiċċju s-setgħat stipulati fl-Artikolu 38;

(h) għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-persunal; jieħu kull deċiżjoni dwar il-ġestjoni tas-sistemi ta' informazzjoni stipulati f'dan ir-Regolament u notevolment il-portal tal-informazzjoni stipulat fl-Artikolu 4(b);

(i) jieħu jull deċiżjoni rigward il-ġestjoni tal-istrutturi amministrattivi interni tal-Uffiċċju.

Artikolu 30
Il-Kumitat Eżekuttiv

1. Sabiex jiżdiedu l-effikaċità u r-rapidità tal-ħidmiet tiegħu, l-Uffiċċju għandu Kumitat Eżekuttiv ta' tmien membri, maħtura fost il-membri tal-Kunsill Amministrattiv.

2. Il-Kummissjoni hija membru awtomatiku tal-Kumitat Eżekuttiv. Il-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju jiddetermina r-regoli applikabbli għall-ħatra tal-membri l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv.

3. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' regolarment fuq stedina tad-Direttur Eżekuttiv

jew fuq it-talba minn ta' almenu terz tal-membri tiegħu, u mhux anqas minn erba' darbiet fis-sena. Il-proċeduri ta' ħidma tiegħu għandhom ikunu speċifikati fir-regoli interni tal-Uffiċċju u għandhom ikunu ppubblikati.

4. Il-perjodu tal-mandat tal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv huwa l-istess bħal dak tal-membri tal-Kunsill Amministrattiv.

5. Il-Kumitat Eżekuttiv jiltaqa' jekk meħtieġ għal laqgħat dwar suġġetti speċifiċi.

6. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu l-kariga li jagħti pariri lid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju u li jagħti l-opinjoni tiegħu lill-Kunsill Amministrattiv, sew fuq talba ta' dan tal-aħħar, kif ukoll fuq inizjattiva tiegħu stess, dwar il-programm ta' ħidma tal-Uffiċċju u dwar l-attivitajiet kollha tal-Uffiċċju u fis-sitwazzjonoijiet kollha li fihom l-Uffiċċju għandu jieħu deċiżjonijiet malajr, b'mod partikolari fil-qafas tal-Kapitolu 3 fir-rigward tal-mobilizzazzjoni tat-timijiet ta' appoġġ għall-ażil fl-Istati Membri li għandhom pressjonijiet partikolari.

7. L-Uffiċċju jipprovdi l-appoġġ tekniku u loġistiku meħtieġ lill-Kumitat Eżekuttiv u ji żgura s-Segretarjat għal-laqgħat tiegħu.

8. Ir-rappreżentanti tal-UNHCR jistgħu jipparteċipaw mingħajr dritt għall-vot għall-ħidma tal-Kumitat Eżekuttiv, fuq talba tal-Kumitat Eżekuttiv.

9. Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jistieden kwalunkwe persuna li l-opinjoni tagħha tista' tkun ta' interess biex tattendi l-laqgħat tiegħu.

Artikolu 31
Il-Gruppi ta' ħidma

1. Fil-qafas tal-mandat tiegħu skont kif definit f'dan ir-Regolament, l-Uffiċċju jista' jo ħloq gruppi ta' ħidma ffurmati minn esperti tal-entitajiet kompetenti tal-Istati Membri attivi fis-settur tal-ażil, inkluż l-imħallfin speċjalizzati. L-esperti jistgħu jiġu sostitwiti minn supplenti li huma maħtura fl-istess żmien.

2. Il-Kummissjoni tipparteċipa bi dritt fil-gruppi ta' ħidma, Ir-rappreżentanti tal-UNHCR jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma tal-Uffiċċju, f'kollha jew f'parti minnhom skont il-kwistjonijiet.

3. Il-gruppi ta' ħidma jistgħu jistiednu kull persuna li l-opinjoni tagħhom tista' tkun ta' interess biex tipparteċipa fil-laqgħat u notevolment rappreżentanti ta' NGO's attivi fis-settur tal-ażil.

Artikolu 32
Il-Forum ta' Konsulenza

1. L-Uffiċċju jikkoopera mill-qrib ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fil-qasam tal-politika dwar l-ażil, fuq livell nazzjonali, Ewropew jew internazzjonali u jistabbilixxi Forum Konsultattiv għal dan il-għan.

2. Il-Forum Konsultattiv jikkostitwixxi mezz ta' skambju ta' informazzjoni u ġbir ta' għarfien. Hu jiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Uffiċċju u l-partijiet interessati u jġib il-kompetenza u l-parir tiegħu fil-qasam tal-ażil.

3. Il-Forum Konsultattiv hu miftuħ għall-partijiet interessati kompetenti kollha skont il-paragrafu 1. L-UNHCR hu membru bi dritt tal-Forum Konsultattiv.

4. Il-Forum Konsultattiv hu responsabbli b'mod partikolari:

   (a) li jindirizza proposti lill-Kunsill Amministrattiv dwar il-programm ta' ħidma annwali li għandu jkun adottat taħt l-Artikolu 27 d);

   (b) li jiżgura rispons tal-informazzjoni lejn il-Kunsill Amministrattiv u li jipproponilu miżuri ta' segwitu dwar ir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 27 c) kif ukoll ir-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-ażil fl-Unjoni Ewropea msemmi fl-Artikolu 12(1), u

   (c) li jikkomunika, lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Kumitat Eżekuttiv, ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-konferenzi, seminars u laqgħat li huma ta' interess għall-ħidma tal-Uffiċċju.

5. Il-koordinazzjoni tal-Forum Konsultattiv issir taħt l-awtorità tad-Direttur Eżekuttiv.

6. Il-Forum Konsultattiv jiltaqa' tal-anqas darbtejn fis-sena.

KAPITOLU 5

DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 33
Il-baġit

1. L-istimi tad-dħul u l-infiq kollu tal-Uffiċċju għandhom ikunu ppreparati għal kull sena finanzjarja, li tikkorespondi għas-sena kalendarja, u għandhom jiddaħħlu fil-baġit tal-Uffiċċju.

2. Id-dħul u l-infiq mdaħħla fil-baġit tal-Uffiċċju għandhom ikunu f'bilanċ.

3. Id-dħul tal-Uffiċċju, mingħajr ħsara għal riżorsi oħra, għandu jinkludi:

   (a) kontribuzzjoni mill-Komunità, imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea;

   (b) kwalunkwe kontribuzzjoni volontarja mill-Istati Membri,

   (c) l-ispejjeż għall-pubblikazzjonijiet, taħriġ, jew kull prestazzjoni mwettqa mill-Uffiċċju.

4. L-infiq tal-Uffiċċju jinkludi b'mod speċjali remunerazzjoni tal-persunal, l-infiq tal-amministrazzjoni u tal-infrastruttura, spejjeż tal-ħidma u l-infiq relatat mal-kuntratti u

l-konvenzjonijiet konklużi mill-Uffiċċju.

Artikolu 34
Il-ħolqien ta' baġit

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv jistabbilixxi abbozz tal-istima tad-dħul u l-infiq tal-Uffiċċju għas-sena ta' wara, li jinkludi l-pjan tal-persunal, u jibgħatu lill-Kunsill Amministrattiv.

2. Il-Kunsill Amministrattiv, fuq il-bażi ta' dan l-abbozz, ifassal stima tad-dħul u l-infiq tal-Uffiċċju għas-sena finanzjarja ta' wara.

3. L-abozz tal-istima tad-dħul u l-infiq tal-Uffiċċju għandha tintbagħat lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-10 ta' Frar. Il-verżjoni finali ta' din l-istima, li tinkludi b'mod speċjali abbozz ta' pjan tal-persunal, għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mill-Kunsill Amministrattiv sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu.

4. Din l-stima għandha tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ("l-awtorità tal-baġit") flimkien mal-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

5. Fiq il-bażi tal-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea l-istimi li tqis meħtieġa għall-pjan tal-persunal u l-ammont għall-għotja li jrid jitħallas mill-baġit ġenerali, li għandha tippreżenta lill-awtorità tal-baġit skont l-Artikolu 272 tat-Trattat.

6. L-awtorità tal-baġit għandha tawtorizza l-approprjazzjonijiet għall-għotja tal-Uffiċ ċju.

7. L-awtorità tal-baġit għandha tadotta l-pjan tal-persunal tal-Uffiċċju.

8. Il-baġit tal-Uffiċċju għandu jkun adottat mill-Kunsill Amministrattiv. Għandu jkun finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn hu meħtieġ, g ħandu jkun aġġustat kif jixraq.

9. Il-Kunsill Amministrattiv għandu, malajr kemm jista' jkun, jgħarraf lill-awtorità tal-ba ġit bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta xi proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-iffinanzjar tal-baġit tiegħu, b'mod partikolari xi proġetti li għandhom x'jaqsmu mal-proprjetà bħalma huma l-kiri jew il-bejgħ ta' bini. Għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan.

10. Fejn fergħa tal-awtorità tal-baġit tkun avżat l-intenzjoni tagħha li tagħti opinjoni, hija għandha tibgħat l-opinjoni tagħha lill-Kunsill Amministrattiv f'perjodu ta' sitt ġimg ħat mid-data tan-notifika tal-proġett.

Artikolu 35
L-implimentazzjoni tal-baġit

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jimplimenta l-baġit tal-Uffiċċju.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat, ta' kull sena, lill-awtorita' tal-baġit kull informazzjoni relevanti għar-riżultat tal-proċess tal-valutazzjoni.

Artikolu 36
Il-preżentazzjoni tal-kontijiet u kwittanza

1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Uffiċċju għandu jikkomunika l-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni flimkien ma' rapport dwar il-ġestjoni tal-baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. L-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni g ħandu jikkonsolida l-kontijiet provviżorji tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet de ċentralizzati skont l-Artikolu 128 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-ba ġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[18].

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni għandu jibgħat lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-kontijiet proviżorji tal-Uffiċċju flimkien ma' rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. Ir-rapport dwar il-ġestjoni tal-baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja għandu jintbagħat ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Malli jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kontijiet provi żorji tal-Uffiċċju, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 129 tar-Regolament (KE EURATOM) Nru 1605/2002, id-Direttur Eżekuttiv għandu jistabbilixxi l-kontijiet finali tal-Uffiċċju taħt ir-responsabbilta' tiegħu u jibgħathom lill-Kunsill Amministrattiv għall-opinjoni.

4. Il-Kunsill Amministrattiv għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Uffiċċju.

5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, flimkien mal-opinjoni tal-Kunsill Amministrattiv sa mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja.

6. Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppubblikati.

7. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tweġiba għall-osservazzjonijiet tiegħu sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru. Għandu wkoll jindirizza din it-tweġiba lill-Kunsill Amministrattiv.

8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-pro ċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja kkonċernata, kif stabbilit fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

9. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill fuq maġġoranza kwalifikata, għandu jagħti, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv skont l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N.

[18] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

Artikolu 37
Ir-Regolamenti finanzjarji

Ir-regolamenti finanzjarji applikabbli għall-Uffiċċju għandhom ikunu adottati mill-Kunsill Amministrattiv wara li tkun ġiet ikkonsultata l-Kummissjoni. Ma jistgħux ivarjaw mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002[19] tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002[20] dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej sakemm ikun meħtieġ speċifikament għall-amministrazzjoni tal-Istitut u bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

KAPITOLU 6

DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IL-PERSUNAL

Artikolu 38
Il-persunal

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej bl-għan li jiġu applikati dawn ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg, għandhom japplikaw għall-persunal tal-Uffiċċju, inkluż id-Direttur Eżekuttiv.

2. Il-Kunsill Amministrattiv, bi ftehim mal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri ta' applikazzjoni meħtieġa, previsti fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

3. Il-kompetenzi mogħtija lill-awtorità li tinnomina mir-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll lill-awtorità intitolata li tikkonkludi l-kuntratti mill-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' aġenti oħra, għandhom jiġu eżerċitati mill-Uffiċċju fir-rigward tal-persunal tiegħu stess.

4. Il-Kunsill ta' Amministrazzjoni jista' jadotta dispożizzjonijiet sabiex esperti nazzjonali mill-Istati Membri jkunu jistgħu jiġu impjegati mal-Uffiċċju.

Artikolu 39
Il-Privileġġi u l-immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplika għall-Uffiċċju.

---

[19] Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 (ĠU L 31.12.2002, p. 72), kif emendat mir-Regolament 652/2008, (ĠU L 181 10.7.2008, p. 23).

[20] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

KAPITOLU 7

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 40
L-istatus legali

1. L-Uffiċċju huwa entità tal-Komunità. Hu għandu personalità legali.

2. F'kull Stati Membru, l-Uffiċċju għandu l-iktar kapaċità legali estensiva mogħtija lill-persuni ġuridiċi taħt il-liġijiet tagħhom. Hu jista' b'mod partikolari jakkwista u jiddisponi minn proprjetà mobbli jew immobbli u jkun parti fi proċeduri legali.

3. L-Uffiċċju hu rappreżentat mid-Direttur Eżekuttiv tiegħu.

4. Il-kwartieri ġenerali tal-Uffiċċju jinsabu fi […]. ..

Artikolu 41
Ir-reġim lingwistiku

1. Id-dispożizzjonijiet previsti fir-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-Komunità Ekonomika Ewropea[21], għandhom japplikaw fir-rigward tal-Uffiċċju.

2. Mingħajr ħsara għad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 290 tat-Trattat, ir-rapport ġenerali annwali dwar l-attivitajiet tal-Uffiċċju u l-programm ta' ħidma annwali tal-Uffiċċju msemmija fl-Artikoli 27.c u 27.d, huma mfassla fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità.

3. Is-servizzi ta' traduzzjoni meħtieġa għat-tħaddim tal-Uffiċċju għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea.

4. Il-Kunsill Amministrattiv fisser il-modalitajiet prattiċi dwar l-implimentazzjoni tar-reġim lingwistiku.

Artikolu 42
L-aċċess għad-dokumenti

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[22] għandhom japplikaw ghad-dokumenti miżmuma mill-Uffiċċju.

2. Il-Kunsill Amministrattiv għandu jadotta l-modalitajiet prattiċi biex ikun implimentat

[21] ĠU 17, 6.10.1958, p. 385.
[22] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Uffiċċju skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jwasslu biex ikun ippreżentat ilment lill-Ombudsman jew isiru s-suġġett ta' kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, taħt il-kundizzjonijiet previsti rispettivament fl-Artikolu 195 u 230 tat-Trattat.

4. L-attivitajiet tal-ipproċessar tad-dejta personali magħmula mill-Uffiċċju għandhom ikunu soġġetti għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data[23].

Artikolu 43
Ir-regoli ta' sigurtà fil-qasam tal-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata u tal-iformazzjoni sensittiva mhux klassifikata

1. L-Uffiċċju japplika l-prinċipji ta' sigurtà li jinsabu fid-Deċiżjoni 2001/844/KE, CECA, EURATOM tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-regolament intern tagħha. Huma b'mod partikolari kkonċernati d-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju, l-ipproċessar u l-ħażna tal-informazzjoni klassifikata.

2. L-Uffiċċju japplika wkoll il-prinċipji ta' sigurtà dwar l-ipproċessar tal-informazzjoni sensittiva mhux klassifikata kif adottati u implimentati mill-Kummissjoni Ewropea.

Artikolu 44
Sistema ta' responsabbiltà

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Uffiċċju għandha tkun irregolata bil-liġi li tapplika għall-kuntratt ikkonċernat.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha ġurisdizzjoni biex tagħti sentenza skont kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt konkluż mill-Uffiċċju.

3. F'każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Uffiċċju għandu, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, jagħmel tajjeb għal kull dannu kka ġunat minnu jew mill-persunal tiegħu waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet dwar kumpens għal kwalunkwe ħsara kif imsemmi fil-paragrafu 3.

5. Ir-responsabbiltà personali tal-aġenti tiegħu lejn l-Uffiċċju għandha tiġi rregolata bid-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal jew fil-Kundizzjonijiet ta' Impjieg applikabbli għalihom.

[23] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

Artikolu 45
Il-valutazzjoni u r-reviżjoni

1. Sa mhux aħkat tard minn tliet snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 51, l-Uffiċċju għandu jikkummissjona valutazzjoni esterna u indipendenti, tar-riżultati miskuba fuq il-bażi ta' mandat maħruġ mill-Kunsill Amministrattiv bi ftehim mal-Kummissjoni. Din il-valutazzjoni hi dwar l-impatt tal-Uffiċċju fuq il-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-asil u fuq is-Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil. Din teżamina b'mod partikolari l-ħtieġa eventwali li jiġu modifikati jew estiżi l-kompiti tal-Uffiċċju, inkluż il-konsegwenzi finanzjarji ta' kwalunkwe modifika jew estensjoni tal-kompiti. Din il-valutazzjoni għandha teżamina wkoll kemm hi xierqa l-istruttura ta' ġestjoni fit-twettiq tal-kompiti tal-Uffiċċju. Il-valutazzjoni għandha tqis l-opinjonijiet tal-partijiet interessati, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll nazzjonali.

2. Il-Kunsill Amministrattiv, bi ftehim mal-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi meta għandhom isiru l-valutazzjonijiet futuri, b'kunsiderazzjoni meħuda tar-riżultati tar-rapport ta' valutazzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 46
Il-Kontroll Amministrattiv

L-attivitajiet tal-Uffiċċju huma soġġetti għall-kontroll tal-Ombudsman, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 195 tat-Trattat.

Artikolu 47
Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi u assoċjati

1. L-Uffiċċju hu miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li jkunu kkonkludew ftehim mal-Komunità Ewropea li bih ikunu adottaw u applikaw il-leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam kopert minn dan ir-Regolament. Skont id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dawn il-ftehimiet, l-arranġamenti huma elaborati biex jiddefinixxu b'mod partikolari n-natura, l-iskop u l-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fil-ħidmiet tal-Uffiċċju. Dawn l-arranġamenti jinkludu b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni fl-inizjattivi meħuda mill-Uffiċċju, mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji u għall-persunal. Fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-persunal, dawk il-ftehimiet għandhom jimxu, f'kull sitwazzjoni, skont ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Għall-kwistjonijiet li huma konnessi mal-attivitajiet tiegħu, sal-limitu meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu u bi ftehim mal-Kummissjoni, l-Uffiċċju għandu jiffaċilita l-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, taħt il-qafas tal-politika tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni u jista' wkoll jikkoopera mal-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi kompetenti, fuq aspetti tekniċi fl-oqsma irregolati minn dan ir-Regolament, taħt il-qafas tal-ftehimiet ta' ħidma konklużi ma' dawn l-awtoritajiet, skont id-dispożiżżjonijiet relevanti tat-Trattat.

Artikolu 48

Kooperazzjoni tal-Uffiċċju mal-UNHCR

L-Uffiċċju jikkoopera mal-UNHCR fl-oqsma rregolati minn dan ir-Regolament, taħt il-qafas tal-ftehimiet ta' ħidma konklużi mal-UNHCR.

L-Uffiċċju jista' jagħti għotjiet lill-UNHCR. L-għan ta' dawn l-għotjiet hu li jiffinanzjaw azzjonijiet maħsuba sabiex l-Uffiċċju jibbenefika mill-kompetenza tal-UNHCR fil-qasam tal-a żil fuq bażi stabbli u sostenibbli. Dawn jiffurmaw parti mill-qafas tar-relazzjonijiet privileġjati ta' kooperazzjoni stabbiliti bejn l-Uffiċċju u l-UNHCR, kif inhuma mfissra f'dan l-Artikolu kif ukoll fl-Artikoli 2(5), 9(1), 23(4), 30(8), 31(2) u 32(3). Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (KE, EURATOM) Nru 2343/2002, id-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament (KE, EURATOM) Nru 1605/2002 kif ukoll tal-modalitajiet ta' implimentazzjoni tiegħu għandhom japplikaw.

Artikolu 49
Il-kooperazzjoni ma' FRONTEX, FRA u entitajiet komunitarji oħra kif ukoll mal-organizzazzjonijiet internazzjonali

L-Uffiċċju jikkoopera mal-entitajiet komunitarji li għandhom attivitajiet marbuta mal-qasam ta' attività tiegħu u b'mod partikolari mal-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX) u l-A ġenzija tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea (FRA), kif ukoll mal-organizzazzjonijiet internazzjonali fl-oqsma rregolati minn dan ir-Regolament, taħt il-qafas ta' ftehimiet ta' ħidma konklużi ma' dawn l-entitajiet, skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KE u mad-dispo żizzjonijier relatati mal-kompetenza ta' dawn l-entitajiet.

Il-kooperazzjoni tippermetti li toħloq sinerġiji bejn l-entitajiet kkunċernati u li tevita kull xog ħol doppju u repetizzjoni fix-xogħlijiet mwettqa skont il-mandat ta' dawn l-entitajiet differenti.

Artikolu 50
Il-ftehim dwar il-kwartieri ġenerali u kundizzjonijiet tal-operat

Id-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar l-akkomodazzjoni li trid tingħata għall-Uffiċċju fl-Istat Membru li jospita u l-faċilitajiet li jridu jkunu disponibbli minn dak l-Istat Membru, kif ukoll regoli speċifiċi applikabbli fl-Istat Membru li jospita l-Uffiċċju għad-Direttur Eżekuttiv, għall-membri tal-Kunsill Amministrattiv, għall-persunal tal-Uffiċċju u għall-membri tal-familja tag ħhom, huma stabbiliti fi ftehim ta' kwartieri ġenerali bejn l-Uffiċċju u l-Istat Membru li jospita, konklużwara li tkun inkisbet l-approvazzjoni tal-Kunsill Amministrattiv. L-Istat Membru li jospita l-Uffiċċju għandu jiżgura l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għat-tħaddim tajjeb tal-Uffiċ ċju inkluż il-possibbiltà ta' edukazzjoni multilingwa b'dimensjoni Ewropea u konnessjonijiet ta' trasport xierqa.

Artikolu 51
Il-bidu tal-attivitajiet tal-Uffiċċju

L-Uffiċċju għandu jkun operattiv mhux iktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni hi responsabbli għall-istabbiliment u l-bidu tal-Uffiċċju sakemm dan ikollu l-kapaċità operattiva biex jimplimenta l-baġit tiegħu stess.

Għal dan l-għan :

– sakemm id-Direttur Eżekuttiv jibda l-kompiti tiegħu wara n-nomina mill-Kunsill Amministrattiv fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 28, uffiċjal tal-Kummissjoni jista' jeżer ċita bħala Direttur temporanju l-kompiti assenjati lid-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju ;

– uffiċjali tal-Kummissjoni jistgħu jeżerċitaw taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur temporanju jew tad-Direttur Eżekuttiv, il-kompiti assenjati lill-Uffiċċju.

Id-Direttur temporanju jista' jawtorizza l-pagamenti kollha koperti mill-approprjazzjonijiet previsti fil-baġit tal-Uffiċċju wara approvazzjoni mill-Kunsill Amministrattiv u jista' jikkonkludi kuntratti, inkluż kuntratti ta' impenji tal-persunal wara l-adozzjoni tal-pjan tal-persunal tal-Uffi ċċju.

Artikolu 52
Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-[...] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,....

Għall-Kunsill
Il–President

ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta tar-Regolament tal-Kunsill li tistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil

2. IL-QAFAS ABM / ABB

Il-qasam ta' politika kkonċernat: Qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (Titolu 18)

Attività assoċjata: Flussi ta' migrazzjoni, politiki komuni fil-qasam tal-immigrazzjoni u l-ażil (kapitolu 18.03)

3. LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Linji baġitarji (linji operattivi u linji ta' għajnuna teknika u amministrattiva relatati (ex-linji BA)) inklużi l-intestaturi tagħhom:

Qafas finanzjarju 2007-2013 L-intestatura 3 A

Taħt il-kapitolu 18.03 Flussi ta' migrazzjoni, politiki komuni fil-qasam tal-immigrazzjoni u l-ażil :

- ħolqien tal-artikolu 18 03 XX – intitolat "Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil"

- ħolqien tal-artikolu 18 03 XX – intitolat "Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil" – għotja taħt it-Titoli 1 u 2

- ħolqien tal- 18 03 XX – intitolat "Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil" – għotja taħt it-Titolu 3

L-għażla tal-Artikolu u tal-punti, taħt il-Kapitolu 18 03, għandu jiġi ddeterminat fil-proċedura tal-baġit għall-2010.

3.2. Id-dewmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

Hu maħsub biex l-aġenzija tinħoloq mis-sena tal-baġit tal-2010.

Xogħlijiet preparatorji għall-implimentazzjoni tal-aġenzija ser ikunu mwettqa fi ħdan il-Kummissjoni mill-2009, u ser ikunu ffinanzjati, fuq il-bażi ta' dawn l-istrumenti finanzjarji.

3.3. Karatteristiċi tal-baġit:

Linja tal-baġit	Tip ta' nfiq	Ġdida	Kontribuzzjoni tal-EFTA	kontribuzzjoniji et mill-pajjiżi kandidati	L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja

Ara l-punt 3.1.	NMO	AD[24]	IVA	LE	LE	**Nru 3A**

[24] Approprjazzjonijiet differenzjati.

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. Sommarju tal-approprjazzjonijiet għall-impenji (AI) u tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (AĦ)

miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

Tip ta' nfiq	Sezzjoni Nru		Sena 2010	2011	2012	2013	n + 4	n +5 u wara	Total
Spejjeż operattivi[25]									
Approprazzjonijiet għall-impenji (AI)	8.1.	a	5,25	8	12	15			40,25
Approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet (AP)		b	5,25	8	12	15			40,25
Infiq amministrattiv inkluż fl-ammont ta' referenza[26]									
Għajnuna teknika u amministrattiva (AMD)	8.2.4.	c							
AMMONT TOTALI TA' REFERENZA									
Approprjazzjonijiet għall-Impenji		a + c	**5,25**	**8**	**12**	**15**			**40,25**
Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet		b + c	**5,25**	**8**	**12**	**15**			**40,25**
Infiq amministrattiv <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta' referenza[27]									
Riżorsi umani u spejjeż assoċjati (AMD)	8.2.5.	d	0,976	0,976	0,976	0,610			3,538
Spejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż relatati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD)	8.2.6.	e	0,010	0,025	0,025	0,025			0,085
Total indikattiv tal-ispiża tal-azzjoni									

[25] Infiq li ma jaqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.

[26] Infiq skont l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

[27] Infiq skont il-Kapitolu xx 01, minbarra l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

TOTAL AI, inkluż l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a + c + d + e	6,236	9,001	13,001	15,635			43,873
TOTAL AĦ, inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		b + c + d + e	6,236	9,001	13,001	15,635			43,873

Dettalji dwar il-kofinanzjament

F'każ li l-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn entitajiet o ħrajn (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella ta' hawn taħt (jistgħu jiżdiedu aktar linji f'każ li entitajiet differenti huma previsti għall-għotja tal-kofinanzjament):

miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

L-entità ta' kofinanzjament		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
……	f							
TOTAL AI inkluż il-kofinanzjament	a + c + d + e + f							

4.1.2. Il-kompatibbiltà mal-ipprogrammar finanzjarju

☒ Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

☐ (Din il-proposta se tikkonsisti fl-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura relevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Din il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[28] (dwar l-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-perspettivi finanzjarji)

4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

☒ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarja fuq id-dħul.

☐ l-impatt finanzjarju – L-effett fuq id-dħul hu dan li ġej:

miljuni ta' EUR (sal-ewwel punt deċimali)

	Qabel l-azzjoni [Sena n - 1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni

[28] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

Linja tal-baġit	Dħul		[Année n]	[n + 1]	[n + 2]	[n + 3]	[n + 4]	[n + 5][29]
	Dħul f'termini assoluti							
	b) Bidla fid-dħul	*Δ*						

4.2. Riżorsi Umani FTE (inkluż uffiċjali, persunal temporanju u estern) – għad-dettalji ara l-punt 8.2.1.

Rekwiżiti Annwali	2010	2011	2012	2013 u wara
Total tal-persunal	8	8	8	5

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

5.1. Ħtieġa li għandha tiġi ssodisfata f'medda qasira jew twila ta' żmien

l-Uffiċċju ser ikun responsabbli għall-iffaċilitar, il-koordinazzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil bejn l-Istati Membri, kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, taħt id-diversi aspetti tiegħu, kif ukoll għall-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni aħjar tas-Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil, inkluż fl-aspetti esterni tagħha.

B'kunsiderazzjoni tat-talba espliċita tal-Kunsill Ewropew ta' Settembru 2008, l-Uffiċċju jrid ikun operazzjonali mill-2010, wara l-adozzjoni tal-att fundatur tiegħu mill-leġi żlattur fl-2009.

5.2. Il-valur miżjud tal-intervent mill-Komunità u l-kompatibbiltà tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u s-sinerġija possibbli

Il-pjan ta' azzjoni fil-qasam tal-ażil adottat f'Ġunju 2008 mill-Kummissjoni għandu l-għan min-naħa li jsaħħaħ il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-ażil sabiex jasal għall-ħolqien ta' Sistema Ewropea Komuni dwar l-ażil effiċjenti u ġusta għal dawk li jfittxu l-protezzjoni internazzjonali u min-naħa oħra biex isostni dan l-isforz leġiżlattiv għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ażil.

It-twaqqif tal-Uffiċċju jwieġeb għat-tieni għan u jippermetti li jġib sostenn xieraq me ħtieġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest

[29] Jekk meħtieġ, għandhom jiġu miżjuda kolonni supplimentari, jekk it-tul tal-azzjoni ma jaqbiżx 6 snin..

tal-qafas ABM.

L-għan tal-proposta hu li titwaqqaf aġenzija ta' regolamentazzjoni responsabbli li ġġib is-sostenn meħtieġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-użil taħt id-diversi aspetti tiegħu.

Permezz tal-kompiti tagħha, l-aġenzija tikkontribwixxi għat-titjib tal-mod ta' kif huma implimentati u applikati fl-UE kollha r-regoli komunitarji relatati mal-użil. L-aġenzija mhux ser tieħu deċiżjonijiet u ser ikollha attivitajiet ta' appoġġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-użil bħal pereżempju rakkomandazzjonijiet, ir-rikors għall-awtorità xjentifika, netwerking u l-konverġenza tal-prattiki tajbin, il-valutazzjoni tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli, eċċ.

L-Uffiċċju ser jara l-mandat tiegħu orjentat madwar tliet kompiti ewlenin: appoġġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-użil, appoġġ għall-Istati Membri li għandhom pressjoni partikolari, kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tas-Sistema Komuni Ewropea tal-Użil.

Kapitolu speċifiku ta' Regolament hu dwar il-koordinazzjoni mill-Uffiċċju tal-gruppi ta' appoġġ għall-użil iffurmati minn esperti fil-qasam tal-użil sabiex iġġibu appoġġ operattiv lill-Istati Membri li għandhom pressjonijiet qawwija fuq is-sistema tal-użil tagħhom, li kienu talbu lill-Uffiċċju applikazzjoni ta' appoġġ min-naħa tal-Uffiċċju.

5.4. Il-modalitajiet ta' implimentazzjoni (indikattivi)

☒ ***Ġestjoni Ċentralizzata***

- ☐ direttament mill-Kummissjoni
- ☐ indirettament permezz ta' delegazzjoni lil:
  - ☐ aġenziji eżekuttivi,
  - ☒ entitajiet maħluqa mill-Kummissjoni, bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament finanzjarju,
  - ☐ entitajiet pubbliċi tas-settur pubbliku/entitajiet b'missjoni tas-servizz pubbliku

☐ ***Ġestjoni maqsuma jew deċentralizzata***

- ☐ ma' Stati Membri
- ☐ ma' pajjiżi terzi

☐ ***Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika liema)***

6. IL-MONITORAĠĠ U L-VALUTAZZJONI

6.1. Sistema ta' monitoraġġ

L-Uffiċċju ser ikun soġġett għall-proċeduri standard ta' kontroll relatati mal-aġenziji ta' regolament.

L-Uffiċċju hu mmexxi mid-Direttur Eżekuttiv tiegħu, li hu indipendenti fl-eżerċizzju ta' dmirijietu u hu responsabbli għall-iżgurar tal-amministrazzjoni attwali tal-Uffiċċju.

L-Uffiċċju hu soġġett għal diversi obbligi li jippermettu l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tiegħu kull sena:

- hu jippubblika rapport ġenerali annwali dwar l-attivitajiet tal-Uffiċċju,

- hu jipprepara kull sena rapport dwar is-sitwazzjoni tal-ażil fl-Unjoni. Fil-qafas ta' dan ir-rapport, l-Uffiċċju jivvaluta b'mod partikolari r-riżultati tal-azzjonijiet magħmula skont dan ir-Regolament u jagħmel analiżi komparattiva globali, sabiex jiffavorixxi għarfien aħjar mill-Istati Membri tal-aħjar prattiki li qed isiru, u jtejjeb l-kwalità, il-koerenza u l-effiċjenza tas-Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil.

L-Uffiċċju hu soġġett għal dawn il-kontrolli: kontroll tal-baġit, verifika interna, rapporti annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kwittanza annwali dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Komunità u studji magħmula mill-OLAF li jippermettu li jkunu żgurat b'mod partikolari l-użu tajjeb tar-riżorsi allokati lill-aġenziji.

L-attivitajiet tal-Uffiċċju huma soġġetti għall-kontroll tal-Ombudsman, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 195 tat-Trattat. Dan il-kontroll amministrattiv joffri ċertu numru ta' garanziji proċedurali għall-kunsiderazzjoni tal-interessi tal-partijiet interessati u l-kwalità tal-outputs.

6.2. Valutazzjoni

6.2.1. Valutazzjoni ex ante

Il-valutazzjoni ex-ante kienet imwettqa fil-qafas tar-rapport tal-analiżi tal-impatt.

6.2.2. Il-kundizzjonijiet u l-frekwenza tal-valutazzjonijiet futuri

Sa mhux aħkat tard minn 3 snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 45, l-Uffiċċju għandu jikkummissjona valutazzjoni esterna u indipendenti tar-riżultati li kiseb, fuq il-bażi ta' mandat maħruġ mill-Kunsill Amministrattiv bi ftehim mal-Kummissjoni. Din il-valutazzjoni hi dwar l-impatt tal-Uffiċċju fuq il-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil u fuq is-Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil. Din teżamina b'mod partikolari l-ħtieġa eventwali li jiġu modifikati jew estiżi l-kompiti tal-Uffiċċju, inkluż il-konsegwenzi finanzjarji ta' kwalunkwe modifika jew estensjoni tal-kompiti. Din il-valutazzjoni għandha teżamina wkoll kemm hi xierqa l-istruttura ta' ġestjoni fit-twettiq tal-kompiti tal-Uffiċċju. Il-valutazzjoni għandha tqis l-opinjonijiet tal-partijiet interessati, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll nazzjonali. Il-Kunsill Amministrattiv, bi ftehim mal-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi meta għandhom isiru l-valutazzjonijiet futuri, b'kont meħud tar-riżultati mir-rapport ta' valutazzjoni.

7. Miżuri kontra l-frodi

Għall-finjiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew atti illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 għandhom japplikaw mingħajr restrizzjoni.

L-Aġenzija hi konformi mal-ftehim interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 u twaqqaf mill-ewwel id-dispożizjonijiet xierqa, li japplikaw għall-persunal kollu tal-Aġenzija.

Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament u l-ftehim u l-istrumenti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw b'mod espliċitu li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu, jekk meħtieġ, iwettqu verifiki fuq il-post fost dawk li jirċievu finanzjament mill-Aġenzija u l-aġenti responsabbli għall-allokazzjoni tiegħu.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini tal-ispejjeż finanzjarji tagħhom

Approprjazzjoni għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

(L-intestaturi tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati għandhom jiġu pprovduti)	Tipa' riżultati	Spiża medja	Sena 2010		Sena 2011		Sena 2012		Sena 20133		Sena n + 4		Sena n + 5 u ta' wara		TOTAL	
			Nru ta' riżultati	l-ispejjeż totali	Nru ta' riżultati	l-ispejjeż totali	Nru ta' riżultati	l-ispejjeż totali	Nru ta' riżultati	l-ispejjeż totali	Nru ta' riżultati	l-ispejjeż totali	Nru ta' riżultati	l-ispejjeż totali	Nru ta' riżultati	l-ispejjeż totali
GĦAN OPERATTIV Nru 1[30] … Iġġib l-appoġġ me ħtieġ għall-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil taħt l-aspetti diversi tagħha																
Azzjoni 1																

[30] Kif deskritt f'Sezzjoni 5.3.

Tagħmir				0,050		0,025		0,050		0,050						0,175
InfrastrutturaInfrastrutturra				0,050		0,400		0,600		0,800						1,85
Azzjoni 2[31]				0,500		0,500		0,700		0,900						2,6
Azzjoni 3[32]				0,250		0,250		0,300		0,400						1,2
Azzjoni 4[33]				0,150		0,150		0,200		0,500						1
Azzjoni 5[34]				0,450		0,450		0,700		0,900						2,5
Azzjoni 6[35]				0,450		0,450		0,700		0,900						2,5
Azzjoni 7[36]				0,050		0,050		0,100		0,100						0,3
Azzjoni 8[37]				0,080		0,085		0,200		0,300						0,665
Subtotal tal-Għan 1				2,030		2,360		3,550		4,850						12,79
L-GĦAN OPERATTIV Nru.2 Żgurar ta' amministrazzjoni effiċjenti...																
Azzjoni 1[38]				1,010		1,010		1,200		1,300						4,52
Azzjoni 2[39]				2,200		4,600		7,200		8,800						22,8
Azzjoni 3[40]				0,010		0,030		0,050		0,050						0,14

31 Teknoloġiji tal-informazzjoni / trasferimenti tad-dejta
32 Analiżi tar-riskji/Stimi tal-ħtiġijiet.
33 Għajnuna diretta.
34 Tisħiħ tal-kapaċitajiet ("bini tal-kapaċitajiet").
35 Ippjanar u riċerki.
36 Relazzjonijiet esterni.
37 Informazzjoni u komunikazzjoni.
38 Avvenimenti, laqgħat, eċċ..
39 Riżorsi umani tal-Uffiċċju.
40 Taħriġ tal-persunal.

Subtotal tal-Għan 2				3,220		5,640		8,450		10,150						27,46

SPIŻA TOTALI				5,250		8,000		12,000		15,000						40,25

8.2. Infiq Amministrattiv

8.2.1. Persunal u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi		Persunal li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu ta' riżorsi e żistenti u/jew addizzjonali (**għadd ta' karigi/FTEs**)					
		Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena n + 4	Sena n + 5
L-uffiċjali jew l-aġenti temporanji[41] (XX 01 01)	A*/ AD	4,5	4,5	4,5	3,5		
	B*, C*/ AST	3,5	3,5	3,5	1,5		
Il-persunal iffinanzjat[42] permezz tal-Artikolu XX 01 02							
Persunal ieħor iffinanzjat[43] permezz tal-Artikolu XX 01 04/05							
TOTAL		8	8	8	5		

8.2.2. Deskrizzjoni tal-kompiti li ġejjin mill-azzjoni

L-uffiċjali Ad ser ikunu responsabbli, waqt l-ewwel snin ta' ħajja tal-aġenzija, għall-appoġġ tat-twaqqif tal-Uffiċċju kif ukoll għall-parteċipazzjoni fil-Kunsill Amministrattiv, Kumitati Eżekuttivi tal-Uffiċċju, u gruppi ta' ħidma tal-Uffiċċju, jekk dan ikun meħtieġ.

L-uffiċjali AST ser iġibu appoġġ amministrattiv, pereżempju missjonijiet ta' appoġġ u appoġġ amministrattiv ġenerali.

8.2.3. Is-sorsi tar-riżorsi umani (statutorji)

X Karigi li huma bħalissa allokati għall-ġestjoni tal-programm li jridu jinbidlu jew jiġu estiżi

☐ Karigi allokati minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena 2010

X Il-postijiet li għandhom jintalbu fil-proċedura SPA/PDB li jmiss

X Karigi li għandhom jiġu allokati mill-ġdid billi jintużaw ir-riżorsi eżistenti fis-servizz tal-ġestjoni (allokazzjoni mill-ġdid interna)

[41] L-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.
[42] L-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.
[43] L-ispiża tiegħu hi nkluża fl-ammont ta' referenza.

☐ Karigi meħtieġa għas-sena n iżda mhux previsti fl-eżerċizzju SPA/PDB tas-sena finanzjarja kkonċernata

Numru ta' riżorsi umani fl-Uffiċċju (bidu u fażi operattiva)

L-informazzjoni ta' hawn taħt hi indikattiva. Hi bbażata fuq l-elementi pprovduti fl-analiżi ex-ante li tagħmel parti tal-analiżi ta' impatt maħsuba għall-ħolqien tal-Uffiċ ċju. Ta' min jenfasizza li ċ-ċiffri li ġejjin inklużi f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja jikkunsidraw iċ-ċifri massimi użati mill-analiżi ex-ante. Hu għalhekk probabbli li ċ-ċiffri vera huma inferjuri miċ-ċifri inklużi hawn taħt.

Il-ħtiġijiet ta' riżorsi umani u amministrattivi ser ikunu koperti mill-fondi li jistgħu jkunu allokati lid-DĠ amministrattiva fil-qafas tal-proċedura tal-allokazzjoni annwali fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-baġit.

Sena	Riżorsi umani li ser ikunu reklutati b'mod gradwali
2010	24 (AT)
2011	36 (18 AT, 18 AC)
2012	20 (10AT, 10 AC)
2013	14 (10 AT, 4 AC)
TOTAL	94 (62 AT, 32 AC)

Ir-reklutaġġ estern ser ikun mmexxi mill-Uffiċċju. Id-diviżjoni bejn Aġent Temporanju (AT) u Aġent Kuntrattwali (AK) hi indikattiva.

Il-persunal tal-Uffiċċju ser ikun magħmul minn persunal operattiv u amministrattiv g ħal total massimu ta' 94 persuna. Din hija stima. Din l-informazzjoni għandha tkun ddetaljata meta l-kompiti finali u l-ħtiġijiet tal-Uffiċċju dwar ir-riżorsi umani u amministrattivi ser ikunu magħrufa, wara n-negozjati tar-Regolament li jistabbilixxi. Madankollu, l-ewwel stima tal-ħtiġijiet tagħti dawn l-elementi li ġejjin, u tippermetti li tivvaluta l-persunal tal-Uffiċċju l-ġdid, mqassma fuq il-kompiti diversi li jridu jkunu allokati lill-Uffiċċju fuq il-bażi tar-Regolament li jistabbilixxieh:

Valutazzjoni tal-ħtiġijiet dwar il-persunal EASO

Persunal minimu (mis-sena 2011 – aġenzija li taħdem bis-sħiħ)		
Kompiti	**Persunal AD**	**Persunal AST**
Persunal amministrattiv u orizzontali	7	6
l-iskambji tal-aħjar prattiki[44]	7	4

[44] Skambji ta' informazzjoni, identifikazzjoni u skambji tal-aħjar prattiċi bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ażil.

Appoġġ leġiżlattiv[45]	4	2
Ġabra ta' esperti[46]	2	1
Lokazzjoni mill-ġdid[47]	1	2
Programmi reġjonali ta' protezzjoni[48]	1	
Installazzjoni mill-ġdid[49]	1	
Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini[50]	9	5
Taħriġ[51]	5	3
Total tal-persunal operazzjonali	30	17
Total tal-persunal operazzjonali + orizzontali	37	23
Total globali tal-persunal AD + AST	60	

Persunal massimu		
Kompiti	**Persunal AD**	**Persunal AST**
Persunal amministrattiv u orizzontali	8	7
l-iskambji tal-aħjar prattiki	12	7
Appoġġ leġiżlattiv	6	3
Ġabra ta' esperti	5	3

45 Appoġġ għall-implimentazzjoni tas-Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil.

46 Appoġġ għall-gruppi ta' appoġġ għall-ażil maħluqa fil-qafas tar-Regolament, sabiex jagħtu appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri li għandhom pressjonijiet qawwija fuq is-sistema tagħhom tal-ażil.

47 Appoġġ għat-trasferiment intrakomunitarji ta' dawk li jirċievu protezzjoni internazzjonali.

48 Kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi, l-iktar dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-pajjiżi terzi fil-qafas tal-programmi ta' protezzjoni reġjonali.

49 Azzjonijiet maħsuba għall-installazzjoni mill-ġdid tar-refuġjati fl-Unjoni Ewropea.

50 Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini ta' dawk li jfittxu aż il u dwar il-persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali.

51 Żvilupp u organizzazzjoni ta' taħriġ maħsub għall-membri ta' amministrazzjonijiet u qrati, kif ukoll servizzi nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-aż il fl-Istati Membri.

Lokazzjoni mill-ġdid	1	3
Programmi reġjonali ta' protezzjoni	2	
Installazzjoni mill-ġdid	2	
Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini	11	7
Taħriġ	11	7
Total tal-persunal operattiv	50	29
Total tal-persunal operazzjonali + orizzontali	58	36
Total globali tal-persunal AD + AST	94	

Ser ikunu meħtieġa bejn 30 u 60 persuna għall-ġestjoni operazzjonali tal-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-ażil u l-persuni oħrajn ser ikunu responsabbli għall-kompiti amministrattivi tal-Uffiċċju.

Kalkolu: Persunal tal-Uffiċċju

24 persuna = 3.34 M EUR (2010)

60 persuna = 3.34 M EUR (2011)

80 persuna = 3.34 M EUR (2012)

94 persuna = 3.34 M EUR (2013)

Dawn l-ammonti huma kkalkulati fuq il-bażi ta' EUR 122.000 kull sena għall-aġenti temporanji u EUR 64.000 għall-aġenti kuntrattwali. Il-persunal reklutat matul is-sena hu kkalkulat fuq 6 xhur, minbarra l-ewwel sena fejn il-kalkolu hu bbażat fuq 9 xhur.

8.2.4. Infiq amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Infiq ta' ġestjoni amministrattiva)

MHUX APPLIKABBLI

miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

Linja tal-baġit (numru u intestatura)	Sena n	Sena n + 1	Sena n + 2	Sena n + 3	Sena n + 4	Sena n + 5 u wara	TOTAL
1. Għajnuna teknika u amministrattiva (inkluż l-ispejjeż relatati mal-persunal)							
Aġenziji eżekuttivi[52]							
Għajnuna teknika u amministrattiva oħra							
- *intra muros*							
- *extra muros*							
Total ta' għajnuna teknika u amministrattiva							

8.2.5. Infiq finanzjarju fuq riżorsi umani u spejjeż assoċjati <u>mhux</u> inklużi fl-ammont ta' referenza

Il-kalkolu sar fuq il-bażi ta' punt 8.2.1

miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena n + 4	Sena n + 5 u wara
Uffiċjali u aġenti temporanji (18 01 01)	0,976	0,976	0,976	0,610		3,538
Persunal iffinanzjat bl-Artikolu XX 01 02 (awżiljarju, ENS, aġenti kuntrattwali, eċċ.) (speċifika l-linja baġitarja)						
Spiża totali tar-riżorsi umani u spejjeż relatati (MHUX fl-ammont ta' referenza)	0,976	0,976	0,976	0,610		3,538

[52] Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i konċernata/i.

Kalkolu – ***Uffiċjali u aġenti temporanji***

AD/AST – 122.000 EUR kull sena X 8 persuni = 976.000 EUR (2010, 2011 u 2012)

AD/AST – 122.000 EUR kull sena X 5 persuni = 610,000 EUR (2013)

Kalkolu – ***Persunal iffinanzjat skont l-Artikolu XX 01 02***

Mhux applikabbli

8.2.6. Infiq amministrattiv ieħor <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta' referenza

Din hi nefqa amministrattiva għall-persunal tal-Kummissjoni msemmija hawn taħt, b'hekk li trid tiġi diskussa qabel ma jitniżżlu l-ammonti.

miljuni ta' EUR (sat-tielet punt deċimali)

	Sena 2010	Sena 2011	Sena 2012	Sena 2013	Sena n + 4	Sena n + 5 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	0,010	0,025	0,025	0,025			0,085
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati[53]							
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijet							
XX 01 02 11 05 –Sistemi tal-informazzjoni							
2. 2 It-total ta' infiq ieħor ta' ġestjoni (XX 01 02 11)							
3. 3 **Infiq ieħor ta' natura amministrattiva** (speċifika billi tindika referenza għal-linja tal-baġit)							
Total tal-infiq amministrattiv, minbarra riżorsi umani u spejjeż relatati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)	0,010	0,025	0,025	0,025			0,085

[53] Speċifika t-tip ta' kumitat, kif ukoll il-grupp li jagħmel parti minnu.

Kalkolu – ***Infiq amministrattiv ieħor <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta' referenza***

Missjonijiet ta' aġenti sabiex jipparteċipaw għal-laqgħat tal-Kunsill Amministrattiv u /jew l-Kumitat Eżekuttiv (l-ispiża vera ser tiddependi mill-post ta' implimentazzjoni tal-aġenzija). Stima ta' 10 missjonijiet għall-2010 u 25 missjoni għas-snin l-oħra.